ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 334

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

6 ta' Diċembru 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/750/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra** ........ 1

**Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra** ........ 3

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1153/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009** ........ 31

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1154/2012 tal-5 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 44

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2012/751/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EULEX KOSOVO/3/2012 tal-4 ta' Diċembru 2012 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO** ..... 46

2012/752/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2012 li tawtorizza laboratorju f'Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex jitwettqu testijiet seroloġiċi biex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8757)* ([1]) 47

2012/753/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2012 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar programmi ta' sorveljanza għall-Finlandja u r-Renju Unit u l-istatus ta' ħelsien mill-mard fil-Finlandja u r-Renju Unit għal ċertu mard ta' annimali akkwatiċi** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8758)* ([1]) ..... 48

2012/754/UE:

★ **Deċizjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2012 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2013** ***(BĊE/2012/26)*** ..... 50

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni 2011/181/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra** (ĠU L 79, 25.3.2011) ..... 51

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha** (ĠU L 327, 27.11.2012) ..... 52

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

**tal-15 ta' Ottubru 2010**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra**

(2012/750/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafi 5 u 7 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim") skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati.

(2) Il-Ftehim ġie inizjalat fis-17 ta' Marzu 2010.

(3) Il-Ftehim għandu jkun iffirmat u applikat proviżorjament mill-Unjoni u l-Istati Membri, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard.

(4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti proċedurali għat-teħid tad-deċiżjoni, jekk ikun adatt, dwar kif tintemm l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti arranġamenti proċedurali adatti għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim u fil-proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim previsti fl-Artikolu 22 tal-Ftehim, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw is-sigurtà u s-sikurezza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Firma**

1. L-iffirmar tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, minn naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim ([1]).

2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni proviżorja**

Sad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim għandu jkun applikat fuq bażi proviżorja mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mill-ewwel jum tax-xahar wara dak li jiġi l-iktar kmieni minn: (i) id-data tal-aħħar nota li biha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa biex il-Ftehim jiġi applikat proviżorjament, jew (ii) suġġett għall-proċeduri interni u/jew il-leġiżlazzjoni domestika, kif applikabbli, tal-Partijiet Kontraenti, id-data li tiġi 12-il xahar mid-data tal-firma tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Kumitat Konġunt**

1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-emendi għall-Anness III u l-Anness IV tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 26(2) tal-Ftehim u ta' kwistjonijiet ta' kompetenza esklussiva tal-UE li ma jeħtiġux l-adozzjoni ta' deċiżjoni li għandha effett legali għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni u għandha tkun notifikata bil-quddiem lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

3. Għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri

([1]) Ara l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

tagħha għandha tkun adottata mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, sakemm il-proċeduri applikabbli ta' votazzjoni stabbiliti fit-Trattati tal-UE ma jipprevedux mod ieħor.

4. Għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri għandha tkun adottata mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, sakemm Stat Membru ma jkunx informa lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' dik il-pożizzjoni li huwa jista' jagħti l-kunsens biss għad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kumitat Konġunt bil-qbil tal-korpijiet leġiżlattivi tiegħu.

5. Il-pożizzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni, ħlief f'materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, f'liema każ hija għandha tiġi ppreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill jew, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, mill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

**Soluzzjoni ta' Tilwim**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni u lill-Istati Membri fil-proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim.

2. Id-deċiżjoni li tkun sospiża l-applikazzjoni ta' benefiċċji skont l-Artikolu 22(7) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

3. Kwalunkwe azzjoni xierqa oħra li tkun trid tittieħed taħt l-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE għandha tiġi deċiża mill-Kummissjoni, bl-assistenza ta' Kumitat Speċjali ta' rappreżentanti tal-Istati Membri maħtura mill-Kunsill.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni lill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe deċiżjoni biex tiġi rifjutata, revokata, sospiża jew limitata l-awtorizzazzjoni ta' trasportatur tal-ajru li huma jkunu beħsiebhom jadottaw skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe talba jew notifika magħmula minnhom jew li tasal għandhom skont l-Artikolu 13 (Sikurezza tal-avjazzjoni) tal-Ftehim.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe talba jew notifika magħmula minnhom jew li tasal għandhom skont l-Artikolu 14 (Sigurtà tal-avjazzjoni) tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SCHOUPPE

# IL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU DWAR L-AVJAZZJONI

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri", u

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-RENJU ĦAXEMITA TAL-ĠORDAN, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ġordan",

min-naħa l-oħra,

XEWQANA li jippromovu sistema tal-avjazzjoni internazzjonali li tkun ibbażata fuq kompetizzjoni ġusta fis-suq bejn it-trasportaturi bl-ajru, b'indħil u kontroll minimu mill-gvern;

XEWQANA li jiffaċilitaw l-espansjoni tal-opportunitajiet tat-trasport internazzjonali bl-ajru, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' netwerks tat-trasport bl-ajru sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-passiġġieri u tat-trasportaturi tal-merkanzija għal servizzi konvenjenti tat-trasport bl-ajru;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tat-trasport bl-ajru fil-promozzjoni tal-kummerċ, tat-turiżmu u tal-investiment;

XEWQANA li joħolqu l-possibbiltà għat-trasportaturi bl-ajru li joffru prezzijiet u servizzi kompetittivi fi swieq miftuħa lill-passiġġieri u lit-trasportaturi tal-merkanzija;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-benefiċċji potenzjali tal-konverġenza regolatorja u, sa fejn huwa prattiku, tal-armonizzazzjoni tar-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mat-trasport bl-ajru;

XEWQANA li s-setturi kollha tal-industrija tat-trasport bl-ajru, inklużi l-ħaddiema tat-trasportaturi bl-ajru, jibbenefikaw minn ambjent liberalizzat;

XEWQANA li jiżguraw l-ogħla livell ta' sikurezza u ta' sigurtà fit-trasport internazzjonali bl-ajru u li jaffermaw mill-ġdid it-tħassib serju tagħhom dwar atti u theddid kontra s-sigurtà tal-inġenji tal-ajru li jipperikolaw is-sikurezza tal-persuni jew tal-proprjetà, jolqtu ħażin it-tħaddim tat-trasport bl-ajru, u jnaqqsu l-fiduċja tal-pubbliku fis-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili;

FILWAQT LI JINNOTAW il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-firem f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944;

FILWAQT LI JAGĦRFU li dan il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni jaqa' fi ħdan l-ambitu tas-sħubija Ewro-Mediterranja prevista fid-dikjarazzjoni ta' Barċellona tat-28 ta' Novembru 1995;

FILWAQT LI JINNUTAW ir-rieda komuni tagħhom li jippromwovu żona Ewro-Mediterranja tal-avjazzjoni msejsa fuq il-prinċipji tal-konverġenza regolatorja, tal-kooperazzjoni regolatorja u tal-liberalizzazzjoni tal-aċċess għas-suq;

FILWAQT LI JINNOTAW id-dikjarazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Għarbija għall-avjazzjoni ċivili u tal-Organizzazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru Għarab, minn naħa waħda, u tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport, min-naħa l-oħra, ffirmata fis-16 ta' Novembru 2008 f'Sharm El Sheikh;

XEWQANA li jiżguraw li t-trasportaturi bl-ajru tagħhom ikollhom kondizzjonijiet ugwali, li jagħtuhom opportunitajiet ġusti u ugwali biex jipprovdu s-servizzi miftiehma;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza li l-allokazzjoni tas-slots ikunu rregolati abbażi ta' opportunitajiet ġusti u ugwali għat-trasportaturi bl-ajru tagħhom, sabiex ikun żgurat trattament newtrali u mhux diskriminatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha;

FILWAQT LI JAGĦRFU li s-sussidji jistgħu jolqtu ħażin il-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru u jistgħu jipperikolaw l-għanijiet bażiċi ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JSOSTNU l-importanza li jiġu llimitati l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni u l-importanza tal-ħarsien tal-ambjent fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-avjazzjoni internazzjonali;

FILWAQT LI JINNOTAW l-importanza li jitħarsu l-konsumaturi, inklużi l-protezzjonijiet mogħtija permezz tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli tat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, magħmula f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999, safejn iż-żewġ Partijiet Kontraenti huma partijiet f'din il-Konvenzjoni;

FILWAQT LI BEĦSIEBHOM jibnu fuq il-qafas ta' ftehimiet eżistenti dwar it-trasport bl-ajru bil-għan li jiftħu l-aċċess għas-swieq u li jkabbru kemm jista' jkun il-benefiċċji għall-konsumaturi, għat-trasportaturi bl-ajru, għall-ħaddiema, u għall-komunitajiet taż-żewġ Partijiet Kontraenti;

FILWAQT LI JINNOTAW li l-għan ta' dan il-ftehim huwa li jkun applikat b'mod progressiv iżda integrali, u li mekkaniżmu adatt jista' jiżgura armonizzazzjoni aktar mill-qrib tal-leġiżlazzjoni,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jingħadx mod ieħor, it-terminu:

1) "Servizzi miftiehma" u "Rotot speċifikati" ifissru t-trasport internazzjonali bl-ajru skont l-Artikolu 2 (id-drittijiet tat-traffiku) u l-Anness I għal dan il-Ftehim;

2) "Ftehim" tfisser dan il-Ftehim, l-Annessi tiegħu, u kwalunkwe emenda tagħhom;

3) "Trasport bl-ajru" tfisser il-ġarr b'inġenji tal-ajru ta' passiġġieri, bagalji, merkanzija, u posta, b'mod separat jew flimkien, offrut lill-pubbliku bi ħlas jew kiri. Biex ikun evitat kull dubju, dan għandu jinkludi t-trasport bl-ajru skedat jew mhux skedat ("charter"), kif ukoll is-servizzi sħaħ tal-merkanzija;

4) "Ftehim ta' Assoċjazzjoni" tfisser il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, li sar fi Brussell fl-24 ta' Novembru 1997;

5) "Ċittadinanza" tfisser jekk trasportatur bl-ajru jissodisfax ir-rekwiżiti dwar ċerti kwistjonijiet bħalma huma s-sjieda tiegħu, il-kontroll effettiv tiegħu, u l-post ewlieni tan-negozju tiegħu;

6) "Awtoritajiet kompetenti" tfisser l-aġenziji tal-gvern jew l-entitajiet responsabbli għall-funzjonijiet amministrattivi skont dan il-Ftehim;

7) "Partijiet Kontraenti" tfisser, minn naħa waħda, l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont is-setgħat rispettivi tagħhom, u, min-naħa l-oħra, il-Ġordan;

8) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-firem f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u tinkludi:

(a) kwalunkwe emenda li daħlet fis-seħħ taħt l-Artikolu 94(a) tal-Konvenzjoni u li ġiet ratifikata kemm mill-Ġordan u kif ukoll mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u

(b) kwalunkwe Anness jew kwalunkwe emenda għalih adottata skont l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni, safejn it-tali Anness jew it-tali emenda j/tkun effettiv(a) fi kwalunkwe waqt partikolari kemm fil-Ġordan kif ukoll fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont kif ikun rilevanti għas-suġġett fil-kwistjoni;

9) "Adegwatezza" tfisser jekk it-trasportatur bl-ajru huwiex adegwat biex iħaddem servizzi internazzjonali tal-ajru, jiġifieri jekk għandux il-kapaċità finanzjarja u l-għarfien adatt tat-tmexxija u jekk hux lest ikun konformi mal-liġijiet, mar-regolamenti u mar-rekwiżiti li jirregolaw it-tħaddim tat-tali servizzi;

10) "Pajjiż tal-ECAA" tfisser kwalunkwe pajjiż li huwa parti fil-ftehim multilaterali li jistabbilixxi ż-Żona Komuni Ewropea tal-Avjazzjoni (l-ECAA) (jiġifieri l-Istati Membri tal-UE, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnja u l-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti);

11) "Pajjiż tal-Euromed" tfisser kwalunkwe pajjiż tal-Mediterran li huwa involut fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (jiġifieri l-Marokk, l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Libja, l-Eġittu, il-Libanu, il-Ġordan, l-Iżrael, it-territorju Palestinjan, is-Sirja u t-Turkija);

12) "Dritt tal-ħames libertà" tfisser id-dritt jew il-privileġġ li jagħti stat partikolari ("l-Istat Donatur") lit-trasportaturi bl-ajru ta' stat ieħor ("l-Istat Riċeventi"), sabiex dawn jipprovdu servizzi internazzjonali tat-trasport bl-ajru bejn it-territorju tal-Istat Donaturu t-territorju ta' pajjiż terz, suġġett għall-kondizzjoni li tali servizzi jkunu jibdew jew jispiċċaw fit-territorju tal-Istat Riċeventi;

13) "Trasport internazzjonali bl-ajru" tfisser trasport bl-ajru li jgħaddi mill-ispazju tal-ajru fuq it-territorju ta' mill-inqas żewġ stati;

14) "Ċittadin" tfisser kwalunkwe persuna jew entità li jkollha nazzjonalità Ġordaniża għall-Parti tal-Ġordan, jew nazzjonalità ta' Stat Membru għall-Parti Ewropea, kemm-il darba, f'każ ta' entità legali, din tkun il-ħin kollu taħt il-kontroll effettiv, kemm direttament jew b'maġġoranza tal-ishma, ta' persuni jew entitajiet li jkollhom nazzjonalità Ġordaniża għall-Parti tal-Ġordan, jew ta' persuni jew entitajiet li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru jew ta' wieħed mill-pajjiżi terzi mniżżlin fl-Anness IV għall-Parti Ewropea;

15) "Liċenzji tal-operat" tfisser, fil-każ tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, liċenzji tal-operat u kwalunkwe dokumenti u ċertifikati rilevanti oħra mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità ([1]) u skont kwalunkwe strument li ġie warajh, u, fil-każ tal-Ġordan, liċenzji/ċertifikati/permessi jew eżenzjonijiet mogħtija skont il-Parti 119 tal-JCAR.

16) "Prezz" tfisser:

— "nollijiet tal-ajru" li għandhom jitħallsu lit-trasportaturi bl-ajru jew lill-aġenti tagħhom jew lil bejjiegħa oħra tal-biljetti għat-trasport ta' passiġġieri u bagalji permezz tas-servizzi tal-ajru u kwalunkwe kondizzjonijiet li bihom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħrajn; u

— "rati tal-ajru" li għandhom jitħallsu għat-trasport tal-merkanzija u l-kondizzjonijiet li bihom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħrajn.

Din id-definizzjoni tkopri, fejn rilevanti, it-trasport bl-art b'rabta mat-trasport internazzjonali bl-ajru u l-kondizzjonijiet applikabbli.

17) "Post ewlieni tan-negozju" tfisser is-sede ewlenija jew l-uffiċċju rreġistrat ta' trasportatur bl-ajru fil-Parti Kontraenti li fiha jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji ewlenin u l-kontroll tat-tħaddim inkluża l-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tat-trasportatur bl-ajru;

18) "Obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser kwalunkwe obbligu impost fuq it-trasportaturi bl-ajru sabiex, fuq rotta speċifikata, jkun żgurat l-għoti minimu ta' servizzi tal-ajru skedati li jkunu jissodisfaw l-istandards stabbiliti tal-kontinwità, tar-regolarità, tal-prezz u tal-kapaċità minima, li t-trasportaturi bl-ajru ma jassumux li kieku jqisu biss l-interessi kummerċjali tagħhom. It-trasportaturi bl-ajru jistgħu jingħataw kumpens mill-Parti Kontraenti kkonċernata talli jkunu wettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku.

19) "SESAR" tfisser l-implimentazzjoni teknika tal-Ajru Uniku Ewropew, li tipprovdi riċerka, żvilupp u użu kkoordinati u ssinkronizzati tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda tas-sistemi għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;

([1]) ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

20) "Sussidju" tfisser kwalunkwe kontribut finanzjarju mogħti mill-awtoritajiet, minn organizzazzjoni reġjonali jew minn kwalunkwe organizzazzjoni pubblika oħra, jiġifieri meta:

(a) prattika ta' korp tal-gvern jew reġjonali jew ta' organizzazzjoni pubblika oħra tinvolvi trasferiment dirett ta' flus bħalma huma l-għotjiet, is-self jew l-infużjoni tal-kapital, trasferiment dirett potenzjali ta' fondi lill-kumpanija, it-teħid tal-obbligazzjonijiet ta' kumpanija bħalma huma l-garanziji fuq is-self, l-injezzjonijiet tal-kapital, is-sjieda, il-ħarsien mill-falliment jew l-assikurazzjoni;

(b) jitħassar jew ma jinġabarx dħul minn korp tal-gvern jew reġjonali jew minn organizzazzjoni pubblika oħra li mill-bqija huwa dħul dovut;

(c) korp tal-gvern jew reġjonali jew organizzazzjoni pubblika oħra tipprovdi prodotti u servizzi minbarra dawk tal-infrastruttura ġenerali, jew meta hija tixtri l-prodotti u s-servizzi; jew

(d) korp tal-gvern jew reġjonali jew organizzazzjoni pubblika oħra twettaq pagamenti lil mekkaniżmu ta' finanzjament jew tqabbad jew tmexxi lil entità privata biex twettaq funzjoni waħda jew iktar tat-tip spjegati fil-punti (a), (b) u (c), li normalment ikunu f'idejn il-gvern, u li, fil-prattika mhix differenti mill-prattiki li s-soltu jsegwu l-gvernijiet;

u meta, b'hekk, jingħata benefiċċju.

21) "Territorju" tfisser, għall-Ġordan, iż-żoni tal-art (iż-żoni kontinentali u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u l-ibħra territorjali taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tiegħu, u, għall-Unjoni Ewropea, iż-żoni tal-art (iż-żoni kontinentali u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u l-ibħra territorjali fejn japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kondizzjonijiet imniżżlin f'dak il-ftehim u fi kwalunkwe strument suċċessur. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-ajruport ta' Ġibiltà hija mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fir-rigward tat-tilwima dwar is-sovranità tat-territorju fejn jinsab l-ajruport, u għas-sospensjoni li għadha fis-seħħ tal-Ajruport ta' Ġibiltà minn miżuri tal-avjazzjoni tal-UE li kienu eżistenti fit-18 ta' Settembru 2006 bejn l-Istati Membri skont id-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà miftiehma f'Kordoba fit-18 ta' Settembru 2006; u

22) "Ħlas fuq l-utent" tfisser ħlas impost fuq it-trasportaturi bl-ajru għall-forniment ta' faċilitajiet jew servizzi tal-ajruport, l-ambjent tal-ajruport, in-navigazzjoni fl-ajru, jew faċilitajiet jew servizzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi servizzi u faċilitajiet relatati u, fejn xieraq, li jkun jirrifletti l-ispejjeż ambjentali marbutin mal-istorbju.

TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET EKONOMIĊI

*Artikolu 2*

## Drittijiet tat-traffiku

1. Kull Parti Kontraenti għandha tagħti lill-Parti Kontraenti l-oħra, skont l-Anness I u l-Anness II ta' dan il-Ftehim, id-drittijiet li ġejjin dwar kif it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra għandhom iġibu ruħhom f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport internazzjonali bl-ajru:

(a) id-dritt li jtiru fuq it-territorju tagħha mingħajr inżul;

(b) id-dritt li jieqfu fit-territorju tagħha għal kwalunkwe għan għajr dak li jgħabbu fuq l-ajruplani jew li jniżżlu minnhom passiġġieri, bagalji, merkanzija u/jew posta (għanijiet mhux tat-traffiku);

(c) waqt li jkun qed isir servizz miftiehem fuq rotta speċifikata, id-dritt li jsiru waqfiet fit-territorju tagħha biex ikun jista' jibda jew jintemm it-traffiku internazzjonali tal-passiġġieri, tal-merkanzija u/jew tal-posta, b'mod separat jew b'mod ikkombinat; u

(d) id-drittijiet li huma speċifikati mod ieħor f'dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jitqies li qed jagħti lit-trasportaturi bl-ajru:

(a) tal-Ġordan, id-dritt li jtellgħu abbord, fit-territorju ta' xi Stat Membru, passiġġieri, bagalji, merkanzija u/jew posta għall-ġarr b'kumpens u ddestinati għal punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(b) tal-Unjoni Ewropea, id-dritt li jtellgħu abbord, fit-territorju tal-Ġordan, passiġġieri, bagalji, merkanzija u/jew posta għall-ġarr b'kumpens u ddestinati għal punt ieħor fit-territorju tal-Ġordan.

*Artikolu 3*

## Awtorizzazzjoni

1. Meta jirċievu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-operat minn trasportatur bl-ajru ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjonijiet xierqa bl-inqas dewmien proċedurali possibbli, bil-kondizzjoni li:

(a) għal trasportatur bl-ajru tal-Ġordan:

— il-post prinċipali tan-negozju tiegħu jkun fil-Ġordan u huwa jkun irċieva l-liċenzja tal-operat tiegħu skont il-liġijiet tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan;

— ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ikun jeżerċita u jżomm kontroll regolatorju effettiv fuqu; u

— it-trasportatur bl-ajru jkun, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, tal-Ġordan u/jew taċ-ċittadini tiegħu, u jkun ikkontrollat b'mod effettiv mill-Ġordan u/jew miċ-ċittadini tiegħu;

(b) għal trasportatur bl-ajru tal-Unjoni Ewropea:

— il-post prinċipali tan-negozju tiegħu jkun fit-territorju ta' Stat Membru skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u huwa jkun irċieva l-liċenzja tal-operat tiegħu; u

— l-Istat Membru li huwa responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu jeżerċita u jżomm kontroll regolatorju effettiv fuqu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti hija identifikata b'mod ċar;

— it-trasportatur bl-ajru jkun, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, tal-Istati Membri u/jew taċ-ċittadini tagħhom, jew ta' Stati oħra mniżżlin fl-Anness IV u/jew taċ-ċittadini ta' dawn l-Istati l-oħra;

(c) it-trasportatur bl-ajru jkun jissodisfa l-kondizzjonijiet mogħtija fil-liġijiet u fir-regolamenti li normalment tapplika l-awtorità kompetenti għat-tħaddim tat-trasport internazzjonali bl-ajru; u

(d) jkunu qed jitħarsu u jiġu amministrati d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 13 (Sikurezza tal-Avjazzjoni) u fl-Artikolu 14 (Sigurtà tal-avjazzjoni) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 4*

**Rifjut, Revoka, Sospensjoni u Limitazzjoni tal-Awtorizzazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti jistgħu jirrifjutaw, jirrevokaw, jissospendu jew jillimitaw l-awtorizzazzjonijiet tal-operat jew inkella jissospendu jew jillimitaw l-operat tat-trasportatur bl-ajru ta' Parti Kontraenti oħra f'każ li:

(a) għal trasportatur bl-ajru tal-Ġordan:

— il-post prinċipali tan-negozju tat-trasportatur bl-ajru ma jkunx fil-Ġordan jew huwa ma jkunx irċieva l-liċenzja tal-operat tiegħu skont il-liġi applikabbli tal-Ġordan;

— il-Ġordan ma jkunx jeżerċita u jżomm kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur bl-ajru;

jew

— it-trasportatur bl-ajru ma jkunx il-proprjetà ta', u ma jkunx ikkontrollat b'mod effettiv, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, mill-Ġordan u/jew miċ-ċittadini tiegħu;

(b) għal trasportatur bl-ajru tal-Unjoni Ewropea:

— il-post prinċipali tan-negozju tat-trasportatur bl-ajru, jew l-uffiċċju reġistrat tiegħu, jekk ikollu, ma jkunx fit-territorju ta' Stat Membru skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew ma jkunx irċieva l-liċenzja tal-operat tiegħu skont il-liġijiet tal-Unjoni;

— l-Istat Membru li huwa responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu ma jkunx jeżerċita u jżomm kontroll regolatorju effettiv fuqu jew l-awtorità ajrunawtika rilevanti ma tkunx identifikata b'mod ċar; jew

— it-trasportatur bl-ajru ma jkunx il-proprjetà ta', u ma jkunx ikkontrollat b'mod effettiv, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini tagħhom, jew mill-Istati l-oħra mniżżlin fl-Anness IV u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-Istati l-oħra;

(c) it-trasportatur bl-ajru jkun naqas milli jkun konformi mal-liġijiet u r-regolamenti msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim (Konformità mal-Liġijiet u r-Regolamenti); jew

(d) ma jkunux qed jitħarsu jew jiġu amministrati d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 13 (Sikurezza tal-Avjazzjoni) u fl-Artikolu 14 (Sigurtà tal-avjazzjoni) ta' dan il-Ftehim.

2. Sakemm ma jkunx jeħtieġ li tittieħed azzjoni immedjata biex ma tkomplix isseħħ in-nuqqas ta' konformità mal-punti (c) jew (d) tal-paragrafu 1, id-drittijiet stabbiliti b'dan l-Artikolu li wieħed jirrifjuta, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kwalunkwe trasportatur bl-ajru ta' Parti Kontraenti għandhom ikunu eżerċitati biss skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 23 ta' dan il-Ftehim (Miżuri ta' Salvagwardja). Fil-każijiet kollha, dawn id-drittijiet għandhom jitħaddmu b'mod xieraq, proporzjonat u ristrett għal dak li hu meħtieġ biss fl-ambitu u fit-tul tagħhom. Huma għandhom ikunu indirizzati biss lejn it-trasportatur jew it-trasportaturi bl-ajru kkonċernati, u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe Parti Kontraenti biex tieħu azzjoni skont l-Artikolu 22 (Riżoluzzjoni tat-Tilwim u Arbitraġġ).

3. L-ebda Parti Kontraenti ma għandha tuża d-drittijiet tagħha stabbiliti minn dan l-Artikolu biex tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' xi trasportatur bl-ajru ta' Parti Kontraenti għaliex dan ikun proprjetà, bl-akbar sehem azzjonarju, ta', jew ikun ikkontrollat b'mod effettiv minn pajjiż Ewro-Mediterranju ieħor jew miċ-ċittadini tat-tali pajjiż, dejjem jekk it-tali pajjiż Ewro-Mediterranju jkun parti għal Ftehim Ewro-Mediterranju simili dwar l-avjazzjoni u jkun joffri trattament reċiproku.

*Artikolu 4 bis*

**Rikonoxximent Reċiproku tad-Deċiżjonijiet Regolatorji fir-rigward tal-Adegwatezza l-Linja tal-Ajru u ċ-Ċittadinanza**

1. Meta tasal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mibgħuta minn trasportatur bl-ajru ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra għandhom jirrikonoxxu kwalunkwe deċiżjoni li jkunu ħadu l-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Parti Kontraenti dwar l-adegwatezza u/jew iċ-ċittadinanza fir-rigward ta' dak it-trasportatur bl-ajru daqs li kieku tali deċiżjoni kienet meħudha mill-awtoritajiet kompetenti tagħha stess, u m'għandhomx jistħarrġu tali kwistjonijiet iktar, ħlief kif previst fil-paragrafu 2 hawn isfel.

2. Jekk, wara li tasal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mibgħuta minn trasportatur bl-ajru, jew wara li tingħata t-tali awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti li tkun irċeviet l-applikazzjoni jkollhom raġuni speċifika għat-tħassib, imsejsa fuq dubju raġonevoli, li, minkejja d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra, ma jkunux ġew issodisfati l-kondizzjonikondizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim (Awtorizzazzjoni) għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet u tal-permessi xierqa, allura huma għandhom javżaw minnufih lil dawk l-awtoritajiet u jagħtu r-raġunijiet sostantivi għat-tħassib tagħhom. F'dak il-każ, kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet, li jistgħu jinkludu rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet Kontraenti, u/jew iktar informazzjoni li tkun rilevanti għal dan it-tħassib, u t-tali talbiet għandhom jintlaqgħu mill-iktar fis possibbli. Jekk tibqa' ma tinstabx soluzzjoni għall-kwistjoni, kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat Konġunt imwaqqaf bl-Artikolu 21 ta' dan il-Ftehim (Kumitat Konġunt).

3. Dan l-Artikolu ma jkoprix ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet marbutin ma':

— Ċertifikati jew liċenzji dwar is-sikurezza;

— Arranġamenti tas-sigurtà; jew

— Kopertura tal-assigurazzjoni.

*Artikolu 5*

**Investiment**

1. Il-Ġordan jista' jagħmel arranġamenti sabiex jippermetti l-proprjetà tal-maġġoranza tal-ishma u/jew il-kontroll effettiv tat-trasportaturi bl-ajru tal-Ġordan mill-Istati Membri jew miċ-ċittadini tagħhom.

2. Wara li l-Kumitat Konġunt jivverifika li jeżistu arranġamenti reċiproċi skont l-Artikolu 21(10) (il-Kumitat Konġunt), il-Partijiet Kontraenti għandhom jippermettu l-proprjetà tal-maġġoranza tal-ishma u/jew il-kontroll effettiv tat-trasportaturi bl-ajru tal-Ġordan mill-Istati Membri jew miċ-ċittadini tagħhom, jew tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea mill-Ġordan jew miċ-ċittadini tiegħu.

3. Proġetti speċifiċi tal-investiment skont dan l-Artikolu għandhom ikunu awtorizzati permezz ta' deċiżjonijiet preliminari tal-Kumitat Konġunt stabbilit minn dan il-Ftehim. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jispeċifikaw il-kondizzjonijiet marbutin mat-tħaddim tas-servizzi miftiehma skont dan il-Ftehim u tas-servizzi bejn pajjiżi terzi u l-Partijiet Kontraenti. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(9) ta' dan il-Ftehim (Kumitat Konġunt) m'għandhomx japplikaw għal din it-tip ta' deċiżjoni.

*Artikolu 6*

**Konformità mal-Liġijiet u r-Regolamenti**

1. Meta jidħlu jew iħallu t-territorju ta' Parti Kontraenti jew meta jkunu fih, it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra għandhom josservaw il-liġijiet u r-regolamenti li huma applikabbli f'dak it-territorju li jikkonċernaw id-dħul fi jew it-tluq mit-territorju tagħha ta' inġenji tal-ajru li jkunu qed iwettqu ħidma ta' trasport internazzjonali bl-ajru, jew dawk dwar l-operat u n-navigazzjoni tal-inġenji tal-ajru.

2. Meta jidħlu jew iħallu t-territorju ta' Parti Kontraenti jew meta jkunu fih, il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli f'dak it-territorju li jikkonċernaw id-dħul fi jew it-tluq mit-territorju tagħha ta' passiġġieri, ekwipaġġ jew merkanzija fuq l-inġenji tal-ajru (inklużi r-regolamenti li jikkonċernaw id-dħul, il-permessi, l-immigrazzjoni, il-passaporti, id-dwana u l-kwarantina jew, fil-każ tal-posta, ir-regolamenti postali), għandhom jitħarsu minn, jew f'isem, it-tali passiġġieri, ekwipaġġ jew merkanzija tat-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra.

*Artikolu 7*

**Ambjent kompetittiv**

1. Il-Partijiet Kontraenti jerġgħu jikkonfermaw li l-prinċipji fil-Kapitolu II tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni japplikaw għal dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet Kontraenti jagħrfu li l-għan konġunt tagħhom huwa li jiżguraw li jkun hemm opportunitajiet ġusti u ugwali għat-trasportaturi bl-ajru taż-żewġ partijiet biex iħaddmu s-Servizzi Miftiehma. Sabiex dan iseħħ, jeħtieġ li jkun hemm ambjent kompetittiv u ġust għat-tħaddim tas-servizzi tal-ajru. Il-Partijiet Kontraenti jagħrfu li prattiki kompetittivi ġusti mit-trasportaturi bl-ajru x'aktarx li jirriżultaw meta t-tali trasportaturi jipprovdu servizzi tal-ajru fuq bażi kompletament kummerċjali u meta ma jingħatawx sussidji.

3. Meta Parti Kontraenti tqis li jeħtieġ li jingħataw sussidji pubbliċi lil trasportatur bl-ajru li jkun qed jopera skont dan il-Ftehim sabiex jintlaħaq għan leġittimu, hija għandha tiżgura li t-tali sussidji jkunu fi proporzjon mal-għan, u li dawn ikunu trasparenti u mfassla b'tali mod li jnaqqsu, kemm jista' jkun, l-impatt negattiv tagħhom fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra. Il-Parti Kontraenti li jkun beħsiebha tagħti t-tali sussidju għandha tgħarraf lill-Parti Kontraenti l-oħra bil-ħsieb tagħha u għandha tiżgura li t-tali sussidju jkun konsistenti mal-kriterji mniżżlin f'dan il-Ftehim.

4. Jekk Parti Kontraenti ssib li jeżistu kondizzjonijiet fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, b'mod partikolari minħabba sussidju, li ma jkunux konsistenti mal-kriterji mniżżlin fil-paragrafu 3 u li se jaffettwaw b'mod negattiv l-opportunità ġusta u ugwali tat-trasportaturi bl-ajru tagħha biex jikkompetu, tista' tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parti Kontraenti l-oħra. Barra minn hekk, hija tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt, hekk kif previst fl-Artikolu 21 ta' dan il-Ftehim (il-Kumitat Konġunt). Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 30 jum minn meta tasal it-tali talba. Meta l-Kumitat Konġunt ma jkunx jista' jsolvi tilwima, il-Partijiet Kontraenti jżommu l-possibbiltà li japplikaw il-miżuri rispettivi tagħhom ta' kontra s-sussidju.

5. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu xierqa, proporzjonati u ristretti għal dak li hu meħtieġ biss fl-ambitu u fit-tul tagħhom. Huma għandhom ikunu indirizzati biss lejn it-trasportatur jew it-trasportaturi bl-ajru li jkunu qed jibbenefikaw minn sussidju jew mill-kondizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe Parti Kontraenti biex tieħu azzjoni skont l-Artikolu 23 (Miżuri ta' Salvagwardja) ta' dan il-Ftehim.

6. Kull Parti Kontraenti, meta tkun innotifikat lill-Parti Kontraenti l-oħra, tista' tavviċina lill-entitajiet governattivi responsabbli fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, inklużi entitajiet fil-livell statali, provinċjali jew lokali, sabiex tiddiskuti kwistjonijiet relatati ma' dan l-Artikolu.

7. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet Kontraenti li għandhom x'jaqsmu mal-obbligi ta' servizz pubbliku fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 8*

**Opportunitajiet Kummerċjali**

**Rappreżentanti tat-trasportatur bl-ajru**

1. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti għandu jkollhom id-dritt li jwaqqfu uffiċċji fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra għall-promozzjoni u l-bejgħ tat-trasport bl-ajru u għal attivitajiet relatati oħra.

2. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti għandhom ikunu intitolati, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti Kontraenti l-oħra dwar id-dħul, ir-residenza, u l-impjieg, li jdaħħlu u jżommu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra persunal maniġerjali, tal-bejgħ, tekniku, operattiv u persunal speċjalizzat ieħor li jkun meħtieġ biex jappoġġa l-provvista tat-trasport bl-ajru.

**Ground Handling**

3. (a) Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) t'hawn taħt, b'rabta mal-ground handling fit-Territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu:

(i) id-dritt li jwettaq il-ground handling tiegħu stess ("self-handling") jew, jekk ikun irid,

(ii) id-dritt li jagħżel minn fost il-fornituri kompetituri li jipprovdu s-servizzi tal-ground handling b'mod sħiħ jew parzjali f'każ fejn it-tali fornituri jingħataw aċċess għas-suq skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti Kontraenti u f'każ li t-tali fornituri jkunu jinsabu fis-suq.

(b) Għall-kategoriji ta' servizzi ta' ground handling li ġejjin, jiġifieri il-ġestjoni tal-bagalji, il-ġestjoni fuq ir-rampa, il-ġestjoni tal-fjuwil u taż-żejt, il-ġestjoni tal-merkanzija u tal-posta, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni fiżika tal-merkanzija u tal-posta bejn it-terminal tal-ajru u l-inġenju tal-ajru, id-drittijiet skont il-punt (a)(i) u (ii) għandhom ikunu suġġetti biss għal-limiti fiżiċi u operattivi skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra. Fejn dawn il-limiti jipprekludu is-self-handling u fejn ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri li jipprovdu s-servizzi ta' ground handling, dawn is-servizzi kollha għandhom ikunu disponibbli għat-trasportaturi bl-ajru kollha b'mod ugwali u mhux diskriminatorju; il-prezzijiet ta' dawn is-servizzi m'għandhomx jaqbżu l-ispiża kollha tagħhom inkluż qligħ raġonevoli fuq l-assi, wara d-deprezzament.

**Bejgħ, Spejjeż Lokali, u Trasferiment ta' Fondi**

4. Kwalunkwe trasportatur bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti jista' jwettaq servizzi ta' bejgħ ta' trasport bl-ajru fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra. Dan il-bejgħ jista' jsir b'mod dirett u/jew, jekk it-trasportatur bl-ajru jkun irid, permezz tal-aġenti tal-bejgħ tiegħu, permezz ta' intermedjarji oħra li jkunu maħtura mit-trasportatur bl-ajru jew permezz tal-internet. Kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu d-dritt li jbigħ dawn is-servizzi ta' trasport, u kull persuna għandha tkun libera li tixtri dawn is-servizzi ta' trasport fil-munita ta' dak it-territorju jew f'muniti li jistgħu jiġu skambjati b'mod ħieles.

5. Kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu d-dritt li jsarraf u li jibgħat id-dħul lokali mit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra lejn it-territorju ta' pajjiżu kif ukoll, fuq talba, lejn il-pajjiż jew il-pajjiżi li jagħżel huwa stess, ħlief meta dan ma jkunx konsistenti mal-liġi jew mar-regolament li japplika b'mod ġenerali. It-tisrif u l-bgħit ta' flus għandhom ikunu permessi fil-pront mingħajr restrizzjonijiet jew taxxi fuqhom bir-rata tal-kambju li tkun tgħodd għat-transazzjonijiet u għall-bgħit kurrenti fid-data li fiha t-trasportatur jagħmel l-applikazzjoni inizjali għall-bgħit.

6. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti għandhom jitħallew iħallsu l-ispejjeż lokali, inkluż ix-xiri ta' fjuwil, fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, bil-munita lokali. Jekk ikunu jridu, it-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti jistgħu jħallsu dawn l-ispejjeż fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra f'muniti li jistgħu jiġu skambjati b'mod ħieles, skont ir-regolamenti tal-kambju lokali.

**Arranġamenti kooperattivi**

7. Huwa u jħaddem jew joffri servizzi skont dan il-Ftehim, kwalunkwe trasportatur bl-ajru ta' Parti Kontraenti jista' jidħol f'arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni kooperattiva, bħalma huma l-ftehimiet ta' spazju riżervat jew l-arranġamenti tal-qsim tal-kodiċi, ma':

(a) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet Kontraenti; u

(b) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi bl-ajru ta' pajjiż terz; u

(c) kwalunkwe trasportatur bis-superfiċje, bil-baħar jew ta' fuq l-art;

dejjem jekk (i) il-parteċipanti kollha f'dawn l-arranġamenti jkollhom l-awtorità adatta għar-rotta bażika u (ii) l-arranġamenti jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-kompetizzjoni li normalment ikunu japplikaw għalihom. F'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ tat-trasport ta' passiġġieri li jinvolvi l-qsim ta' kodiċi, ix-xerrej għandu jkun infurmat waqt il-bejgħ, jew fi kwalunkwe każ qabel ma jitla' abbord, dwar liema fornitur tat-trasport se jkun qed jopera kull parti tas-servizz.

8. (a) F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport tal-passiġġieri, il-fornituri tat-trasport bis-superfiċje m'għandhomx ikunu suġġetti għal-liġijiet u għar-regolamenti li jirregolaw it-trasport bl-ajru minħabba li dan it-trasport bis-superfiċje jkun qed isir minn trasportatur bl-ajru f'ismu stess. Il-fornituri tat-trasport bis-superfiċje għandhom id-dritt jiddeċiedu jekk jidħlux f'arranġamenti kooperattivi jew le. Meta jiddeċiedu dwar arranġament partikulari, il-fornituri tat-trasport bis-superfiċje jistgħu jqisu, fost l-oħrajn, l-interessi tal-konsumatur kif ukoll il-limiti tekniċi, ekonomiċi, tal-ispazju, u tal-kapaċità.

(b) Barra minn hekk, u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, it-trasportaturi bl-ajru u l-fornituri indiretti tat-trasport tal-merkanzija tal-Partijiet Kontraenti għandhom jitħallew jużaw, mingħajr restrizzjoni u b'rabta mat-trasport internazzjonali bl-ajru, kwalunkwe trasport bis-superfiċje għall-merkanzija lejn jew minn kwalunkwe punt fit-territorji tal-Ġordan u tal-Unjoni Ewropea, jew f'pajjiżi terzi. Dan jinkludi t-trasport lejn u mill-ajruporti kollha li jkollhom il-faċilitajiet ta' dwana kif ukoll, fejn jgħodd, id-dritt[ijiet] biex iġorru l-merkanzija fid-dwana skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Din il-merkanzija, kemm jekk tinġarr bis-superfiċje kif ukoll jekk tinġarr bl-ajru, għandu jkollha aċċess għall-ipproċessar tad-dwana tal-ajruport u għall-faċilitajiet tiegħu. It-trasportaturi bl-ajru jistgħu jagħżlu li jwettqu t-trasport bis-superfiċje tagħhom stess jew li jipprovduh permezz ta' arranġamenti ma' trasportaturi bis-superfiċje oħrajn, inkluż trasport bis-superfiċje li jsir minn trasportaturi bl-ajru oħrajn u minn fornituri indiretti tal-ġarr tal-merkanzija bl-ajru. Dawn is-servizzi li fihom jintużaw

diversi mezzi tat-trasport għall-ġarr tal-merkanzija jistgħu jiġu offruti bi prezz wieħed, li jinkludi t-trasport bl-ajru u bis-superfiċje flimkien, dejjem jekk it-trasportaturi tal-merkanzija ma jkunux żgwidati dwar il-fatti marbutin mat-tali trasport.

**Kiri**

9. (a) It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti għandu jkollhom id-dritt jipprovdu s-servizzi miftiehma billi jużaw inġenji tal-ajru u ekwipaġġ mikri mingħand kwalunkwe trasportatur bl-ajru, inkluż minn pajjiżi terzi, sakemm il-parteċipanti kollha fit-tali arranġamenti jkunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fil-liġijiet u fir-regolamenti li l-Partijiet il-Kontraenti s-soltu japplikaw għat-tali arranġamenti.

(b) L-ebda Parti Kontraenti m'għandha teħtieġ lit-trasportaturi bl-ajru li jkunu qed jagħtu t-tagħmir tagħhom b'kera li jkollhom drittijiet tat-traffiku skont dan il-Ftehim.

(c) Il-kiri bl-ekwipaġġ ("wet-leasing"), minn trasportatur bl-ajru tal-Partijiet Kontraenti, ta' inġenji tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru ta' pajjiż terz, għajr dawk imsemmija fl-Anness IV, sabiex dan jisfrutta d-drittijiet previsti f'dan il-Ftehim, għandu jkun wieħed eċċezzjonali jew temporanju. Dan il-kiri bl-ekwipaġġ għandu jkollu l-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità li tkun ħarġet il-liċenzja lit-trasportatur bl-ajru li jkun qed jikri kif ukoll tal-awtorità kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra, 'il fejn dan it-trasportatur bl-ajru jkun beħsiebu jħaddem l-inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ.

**Franchising u Branding**

10. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti għandu jkollhom id-dritt jidħlu f'arranġamenti ta' franchising u branding ma' kumpaniji ta' kull Parti Kontraenti jew ta' pajjiżi terzi, inklużi ma' trasportaturi bl-ajru, dejjem jekk it-trasportaturi bl-ajru jkollhom l-awtorità adatta u jkunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fil-liġijiet u fir-regolamenti li l-Partijiet il-Kontraenti japplikaw għat-tali arranġamenti, b'mod partikolari f'dawk li jeħtieġu li tiġi żvelata l-identità tat-trasportatur bl-ajru li qed iħaddem is-servizz.

**L-allokazzjoni tas-slots fl-ajruporti**

11. L-allokazzjoni tas-slots fl-ajruporti fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti għandha titwettaq b'mod indipendenti, trasparenti u mhux diskriminatorju. It-trasportaturi bl-ajru kollha ser jiġu ttrattati b'mod ġust u ugwali. Parti Kontraenti tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 21(5) (il-Kumitat Konġunt), sabiex tipprova ssolvi kwalunkwe kwistjoni li jista' jkun hemm b'rabta mal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

*Artikolu 9*

**Id-dazji u l-ħlasijiet tad-dwana**

1. Meta jaslu fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, inġenji tal-ajru li jitħaddmu fit-trasport internazzjonali bl-ajru mit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra, it-tagħmir regolari tagħhom, il-fjuwil, il-lubrikanti, il-provvisti tekniċi konsumibbli, it-tagħmir ta' fuq l-art, il-partijiet tal-bdil (inklużi l-magni), il-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru (inklużi iżda mhux limitati għal oġġetti bħall-ikel, ix-xorb u x-xorb alkoħoliku, it-tabakk u l-prodotti l-oħrajn maħsubin biex jinbiegħu lill-passiġġieri jew biex dawn jużawhom fi kwantitajiet limitati waqt it-titjira), u oġġetti oħrajn maħsubin għal, jew użati biss b'rabta mat-tħaddim jew mat-tiswija tal-inġenji tal-ajru li jkunu qed iwettqu t-trasport internazzjonali bl-ajru għandhom ikunu eżentati, fuq bażi reċiproka, mir-restrizzjonijiet kollha fuq l-importazzjoni, mit-taxxi fuq il-proprjetà u mid-dazji kapitali, mid-dazji tad-dwana, mit-taxxi tas-sisa, u minn miżati u ħlasijiet oħrajn simili li (a) huma imposti mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali jew mill-Unjoni Ewropea, u li (b) mhumiex ibbażati fuq kemm jiswew is-servizzi pprovduti, dejjem jekk it-tali tagħmir u t-tali provvisti jibqgħu abbord l-inġenji tal-ajru.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu eżentati wkoll, fuq bażi reċiproka, mit-taxxi, mill-imposti, mid-dazji, mill-miżati u mill-ħlasijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief għall-ħlasijiet ibbażati fuq kemm jiswa s-servizz ipprovdut:

(a) il-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru mdaħħlin jew fornuti fit-territorju ta' Parti Kontraenti u mtellgħin abbord, f'limiti raġonevoli, għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu se jitilqu u li jkunu ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali bl-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettqa fit-territorju msemmi;

(b) it-tagħmir ta' fuq l-art u l-partijiet tal-bdil (inklużi l-magni) imdaħħlin fit-territorju ta' Parti Kontraenti għat-tiswija, għall-manutenzjoni jew għaż-żamma ta' inġenji tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra użati għat-trasport internazzjonali bl-ajru;

(c) il-fjuwil, il-lubrikanti u l-provvisti tekniċi konsumabbli mdaħħlin jew fornuti fit-territorju ta' Parti Kontraenti biex jintużaw f'inġenji tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali bl-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettqa fit-territorju msemmi;

(d) materjal stampat, kif imsemmi fil-liġijiet tad-dwana ta' kull Parti Kontraenti, imdaħħal jew fornut fit-territorju ta' Parti Kontraenti u mtella' abbord għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu se jitilqu u li jkunu ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali bl-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettqa fit-territorju msemmi; u

(e) it-tagħmir tas-sikurezza u tas-sigurtà biex jintuża fl-ajruporti jew fit-terminali tal-merkanzija.

3. Minkejja kull dispożizzjoni oħra li tgħid mod ieħor, xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jżomm lil Parti Kontraenti milli timponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq il-fjuwil fornut fit-territorju tagħha fuq bażi mhux diskriminatorja biex jintuża f'inġenji tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru li jopera bejn żewġ punti fit-territorju tagħha.

4. It-tagħmir u l-provvisti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu meħtieġa li jinżammu taħt is-superviżjoni jew il-kontroll tal-awtoritajiet rilevanti.

5. L-eżenzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu applikabbli wkoll f'każ fejn it-trasportaturi bl-ajru ta' Parti Kontraenti jkunu għamlu ftehim ma' trasportatur bl-ajru ieħor, li bħalhom ikun qed igawdi mill-eżenzjonijiet tal-Parti Kontraenti l-oħra, għas-self jew it-trasferiment tal-oġġetti speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra.

6. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jżomm lil Parti Kontraenti milli timponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq l-oġġetti mibjugħa lill-passiġġieri, ħlief għal dawk għall-konsum abbord, matul parti mis-servizz bl-ajru bejn żewġ punti fit-territorju tagħha li fihom in-nies jitħallew jitilgħu fuq l-ajruplan jew jinżlu minnu.

7. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jaffettwaw il-qasam tal-VAT, ħlief għat-taxxa fuq il-qligħ fuq l-importazzjonijiet. Dan il-Ftehim ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet rispettivi li huma fis-seħħ bejn xi Stati Membri partikolari u l-Ġordan biex tkun evitata t-tassazzjoni doppja fuq id-dħul u fuq il-kapital.

*Artikolu 10*

**Ħlasijiet fuq l-Utent għall-Ajruporti u għall-Faċilitajiet u s-Servizzi tal-Avjazzjoni**

1. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-ħlasijiet fuq l-utent li jistgħu jkunu imposti mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti tagħha li jitolbu ħlas mingħand it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra għall-użu tas-servizzi tan-navigazzjoni fl-ajru u tas-servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, għandhom ikunu ġusti, raġonevoli, marbutin mal-ispejjeż u mhux diskriminatorji b'mod inġust. F'kull każ, dawn il-ħlasijiet fuq l-utentgħandhom jiġu vvalutati fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra skont termini li ma jkunux inqas favorevoli mit-termini l-aktar favorevoli disponibbli għal kwalunkwe trasportatur bl-ajru ieħor.

2. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-ħlasijiet fuq l-utentli jistgħu jkunu imposti mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti tagħha li jitolbu ħlas mingħand it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra għall-użu tal-faċilitajiet jew tas-servizzi tal-ajruport u tas-sigurtà tal-avjazzjoni u tal-faċilitajiet u s-servizzi relatati għandhom ikunu ġusti, raġonevoli, mhux diskriminatorji b'mod inġust u mqassmin b'mod ġust fost il-kategoriji tal-utenti. Dawn il-ħlasijiet jistgħu jirriflettu, imma m'għandhomx jaqbżu, l-ispiża sħiħa magħmula mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti li jitolbu ħlas biex jipprovdu l-faċilitajiet u s-servizzi adatti tal-ajruport u tas-sigurtà tal-avjazzjoni f'dak l-ajruport jew fis-sistema ta' dak l-ajruport. Dawn il-ħlasijiet jistgħu jinkludu qligħ raġonevoli fuq l-assi, wara d-deprezzament. Il-faċilitajiet u s-servizzi li għalihom jintalbu l-ħlasijiet fuq l-utentgħandhom ikunu pprovduti fuq bażi effiċjenti u ekonomika. F'kull każ, dawn il-ħlasijiet għandhom jiġu vvalutati fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra skont termini li ma jkunux inqas favorevoli mit-termini l-aktar favorevoli disponibbli għal kwalunkwe trasportatur bl-ajru ieħor fiż-żmien meta dawn il-ħlasijiet jiġu vvalutati.

3. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li jkun hemm konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li jitolbu l-ħlas fit-territorju tagħha u t-trasportaturi bl-ajru jew il-korpi li jirrappreżentawhom li jkunu qed jużaw is-servizzi u l-faċilitajiet, u għandha tiżgura li l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li jitolbu l-ħlas u t-trasportaturi bl-ajru jew il-korpi li jirrappreżentawhom jiskambjaw dak it-tagħrif li jista' jkun meħtieġ biex tkun tista' ssir analiżi eżatta ta' kemm huma raġonevoli l-ħlasijiet skont il-prinċipji tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti li jitolbu l-ħlas jagħtu lill-utenti preavviż raġonevoli dwar kull proposta ta' bidliet fil-ħlasijiet fuq l-utenti sabiex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jqisu l-fehmiet tal-utenti qabel ma jsiru l-bidliet.

4. Fil-proċeduri tas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 22 ta' dan il-Ftehim (Riżoluzzjoni tat-Tilwim u Arbitraġġ), l-ebda Parti Kontraenti m'għandha titqies li qed tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Artikolu, sakemm (a) ma tonqosx li, fi żmien raġonevoli, tagħmel analiżi tal-ħlas jew tal-prattika li hija s-suġġett ta' lment mill-Parti Kontraenti l-oħra; jew (b) jekk, wara t-tali analiżi, ma tonqosx milli tieħu l-passi kollha fis-setgħa tagħha biex tirrimedja kull ħlas jew prattika li ma tkunx konformi ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 11*

**Iffissar tal-Prezzijiet**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jistabbilixxu l-prezzijiet b'mod ħieles abbażi ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta.

2. Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx jitolbu li l-prezzijiet ikunu rreġistrati.

3. Jista' jkun hemm diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar kwistjonijiet bħal, imma mhux limitati għal, prezzijiet li jistgħu jkunu inġusti, mhux raġonevoli, jew diskriminatorji.

*Artikolu 12*

**Statistika**

1. Kull Parti Kontraenti għandha tagħti lill-Parti Kontraenti l-oħra l-istatistika meħtieġa mil-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, u, meta jintalab, tagħrif statistiku ieħor disponibbli, skont il-bżonn, b'mod raġonevoli, għall-għanijiet tal-analiżi tat-tħaddim tas-servizzi bl-ajru.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkooperaw fil-qafas tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 21 ta' dan il-Ftehim (il-Kumitat Konġunt) biex iħaffu l-iskambju tat-tagħrif statistiku bejniethom għall-għanijiet tal-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim.

TITOLU II

**KOOPERAZZJONI REGOLATORJA**

*Artikolu 13*

**Sikurezza tal-avjazzjoni**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu mill-inqas għall-istandards speċifikati fil-Parti A tal-Anness III skont il-kondizzjonijiet mogħtija hawn taħt.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li meta inġenju tal-ajru rreġistrat f'Parti Kontraenti waħda li dwaru jkun hemm suspett li mhuwiex konformi mal-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti skont il-Konvenzjoni jinżel f'ajruporti miftuħa għat-traffiku internazzjonali tal-ajru fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, dan għandu jiġi suġġett għall-ispezzjonijiet tar-rampa li jsiru abbord jew madwar l-inġenju tal-ajru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra. Dawn l-ispezzjonijiet isiru biex ikunu vverifikati kemm il-validità tad-dokumenti tal-inġenju tal-ajru u tal-ekwipaġġ kif ukoll il-kondizzjonijiet viżibbli tal-inġenju tal-ajru u tat-tagħmir tiegħu.

3. Kull Parti Kontraenti tista' titlob, fi kwalunkwe żmien, li jsiru konsultazzjonijiet dwar l-istandards tas-sikurezza miżmuma mill-Parti Kontraenti l-oħra.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti Kontraenti jistgħu jieħdu l-miżuri kollha xierqa u fil-pront kull meta jkunu ċerti li inġenju tal-ajru, prodott jew operazzjoni tista':

(a) tonqos milli tilħaq l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni, fil-liġijiet speċifikati fil-Parti A tal-Anness III, jew fil-liġijiet ekwivalenti tal-Ġordan li huma konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont liema minn dawn ikunu applikabbli,

(b) twassal għal tħassib serju — stabbilit bl-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 — li l-inġenju tal-ajru jew l-operat tiegħu ma jkunx konformi mal-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni, fil-liġijiet speċifikati fil-Parti A tal-Anness III jew fil-liġijiet ekwivalenti tal-Ġordan li huma konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont liema minn dawn ikunu applikabbli, jew

(c) twassal għal tħassib serju li hemm nuqqas ta' manutenzjoni u ta' amministrazzjoni effettiva tal-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni, fil-liġijiet speċifikati fil-Parti A tal-Anness III, jew fil-liġijiet ekwivalenti tal-Ġordan li huma konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont liema minn dawn ikunu applikabbli.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti jieħdu azzjoni skont il-paragrafu 4, dawn għandhom jgħarrfu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra dwar it-teħid tat-tali azzjoni u jagħtu r-raġunijiet għal dan.

6. Meta l-miżuri meħuda biex jiġi applikat il-paragrafu 4 jissoktaw anke jekk il-bażi biex dawn jittieħdu ma tkunx għadha teżisti, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tirreferi din il-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 14*

**Sigurtà tal-avjazzjoni**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu mill-inqas għall-istandards speċifikati fil-Parti B tal-Anness III għal dan il-Ftehim, skont il-kondizzjonijiet mogħtija hawn taħt.

2. Minħabba li l-garanzija tas-sikurezza għall-inġenji tal-ajru ċivili, għall-passiġġieri u għall-ekwipaġġ tagħhom hija prerekwiżit fundamentali għat-tħaddim tas-servizzi internazzjonali bl-ajru, il-Partijiet Kontraenti jaffermaw mill-ġdid l-obbligi reċiproki tagħhom li jipprovdu għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, u b'mod partikulari l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Konvenzjoni dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra li Jsiru Abbord l-Inġenji tal-Ajru, iffirmata f'Tokjo fl-14 ta' Settembru 1963, il-Konvenzjoni għat-Trażżin tal-Ħtif Illegali tal-Inġenji tal-Ajru, iffirmata f'The Hague fis-16 ta' Diċembru 1970, il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili, iffirmata f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971, il-Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza fl-Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988 u l-Konvenzjoni dwar l-Immarkar ta' Splussivi tal-Plastik għall-Għanijiet ta' Skoperta, iffirmata f'Montreal fl-1 ta' Marzu 1991, safejn iż-żewġ Partijiet Kontraenti huma firmatarji ta' dawn il-konvenzjonijiet kif ukoll tal-konvenzjonijiet u l-protokolli l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li ż-żewġ Partijiet Kontraenti huma partijiet għalihom.

3. Fuq talba, il-Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin l-għajnuna kollha meħtieġa biex ikunu evitati atti ta' ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru ċivili u atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dawn l-inġenji tal-ajru, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tagħhom, l-ajruporti u l-faċilitajiet tan-navigazzjoni fl-ajru, u kwalunkwe theddida oħra li jista' jkun hemm għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

4. Fir-relazzjonijiet reċiproki tagħhom, il-Partijiet Kontraenti għandhom jaġixxu b'mod li huwa konformi mal-Istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni u, safejn ikunu japplikawhom, mal-Prattiki Rrakkomandati stabbiliti mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (l-ICAO) u li jidhru bħala Annessi għall-Konvenzjoni ta' Chicago, safejn dawn id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà jkunu japplikaw għall-Partijiet Kontraenti. Iż-żewġ Partijiet Kontraenti għandhom jitolbu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru tar-reġistru tagħhom, lill-operaturi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom jew ir-residenza permanenti tagħhom fit-territorju tagħhom u lill-operaturi tal-ajruporti fit-territorju tagħhom, biex ikunu konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

5. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li fit-territorju tagħha jittieħdu miżuri effettivi biex ikunu mħarsa l-inġenji tal-ajru, biex ikunu eżaminati l-passiġġieri u l-oġġetti li dawn iġorru magħhom, u biex isiru l-verifiki x-xierqa fuq l-ekwipaġġ, il-merkanzija (inklużi l-bagalji li jkun hemm fl-istiva) u l-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru qabel ma dawn jitilgħu jew jitgħabbew abbord, u waqt li jsir dan. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura wkoll li dawk il-miżuri jkunu aġġustati għal każijiet fejn jista' jkun hemm livell ogħla ta' theddid. Kull Parti Kontraenti taqbel li t-trasportaturi bl-ajru tagħha jistgħu jintalbu jħarsu d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 li jkunu meħtieġa mill-Parti Kontraenti l-oħra għad-dħul fit-territorju ta' dik il-Parti Kontraenti l-oħra, għat-tluq minnu, jew waqt li l-inġenji tal-ajru jkunu fit-territorju tagħha.

6. Kull meta ssir talba mill-Parti Kontraenti l-oħra biex jittieħdu miżuri speċjali tas-sigurtà li jkunu jilqgħu għal theddida partikolari, il-Parti l-oħra għandha taġixxi b'mod pożittiv. Ħlief fil-każ ta' emerġenza, kull Parti Kontraenti se tgħarraf lill-Parti Kontraenti l-oħra bil-quddiem dwar kwalunkwe miżura speċjali tas-sigurtà li jkun beħsiebha ddaħħal li jista' jkollha impatt finanzjarju jew operattiv sinifikanti fuq is-servizzi tat-trasport bl-ajru pprovduti skont dan il-Ftehim. Kull Parti Kontraenti tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex ikunu diskussi dawn it-tipi ta' miżuri tas-sigurtà, hekk kif previst fl-Artikolu 21 ta' dan il-Ftehim (il-Kumitat Konġunt).

7. Meta jkun hemm inċident jew meta jkun hemm theddida ta' inċident ta' ħtif illegali ta' inġenju tal-ajru ċivili jew atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dak l-inġenju tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ tiegħu, tal-ajruporti jew tal-faċilitajiet tan-navigazzjoni fl-ajru, il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħinu lil xulxin billi jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet u l-miżuri x-xierqa l-oħra maħsubin biex itemmu malajr u bla periklu t-tali inċident jew it-theddida tat-tali inċident.

8. Kull Parti Kontraenti għandha tieħu l-miżuri kollha li tqis li huma prattikabbli biex tiżgura li inġenju tal-ajru li jkun suġġett għal att ta' ħtif illegali jew għal atti oħrajn ta' interferenza illegali u li jkun qiegħed fuq l-art fit-territorju tagħha jinżamm fuq l-art sakemm it-tluq tiegħu ma jkunx meħtieġ mid-dmir iktar importanti li titħares il-ħajja umana. Kull fejn ikun prattikabbli, it-tali miżuri għandhom jittieħdu abbażi ta' konsultazzjonijiet reċiproki.

9. Meta Parti Kontraenti jkollha raġunijiet biżżejjed biex temmen li l-Parti Kontraenti l-oħra ma tkunx segwiet id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni f'dan l-Artikolu, dik il-Parti Kontraenti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet immedjati mal-Parti Kontraenti l-oħra.

10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim (Rifjut, Revoka, Sospensjoni u Limitazzjoni tal-Awtorizzazzjoni), in-nuqqas li jintlaħaq ftehim sodisfaċenti fi żmien (15) ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din it-talba għandu jikkostitwixxi raġunijiet biex tinżamm, tiġi rrevokata jew limitata l-awtorizzazzjoni tal-operat ta' trasportatur bl-ajru wieħed jew iktar tat-tali Parti Kontraenti, jew biex jiġu imposti ċerti kondizzjonijiet fuq it-tali awtorizzazzjonijiet.

11. Meta meħtieġ minħabba theddida immedjata jew straordinarja, Parti Kontraenti tista' tieħu azzjoni temporanja qabel ma jiskadi l-perijodu ta' (15) ħmistax-il ġurnata.

12. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed skont il-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu għandha titwaqqaf hekk kif il-Parti Kontraenti l-oħra tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 15*

**Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu għall-istandards speċifikati fil-Parti C tal-Anness III għal dan il-Ftehim, skont il-kondizzjonijiet mogħtija hawn taħt.

2. Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu bl-ogħla grad ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, bil-ħsieb li jestendu l-Ajru Uniku Ewropew għall-Ġordan sabiex isaħħu l-istandards preżenti tas-sikurezza u l-effiċjenza ġenerali għall-istandards ġenerali tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, sabiex jisfruttaw il-kapaċitajiet u sabiex inaqqsu d-dewmien. Għal dan il-għan, għandu jkun żgurat li l-Ġordan jieħu sehem kif xieraq fil-kumitat dwar l-ajru uniku. Il-monitoraġġ u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Kumitat Konġunt.

3. Sabiex iħaffu l-applikazzjoni tal-liġijiet dwar l-Ajru Uniku Ewropew fit-territorji tagħhom:

(a) il-Ġordan għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jaġġusta l-istrutturi istituzzjonali tiegħu tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għall-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari billi jistabbilixxi l-korpi nazzjonali rilevanti tas-sorveljanza li jkunu joperaw għall-inqas b'mod indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni fl-ajru; u

(b) L-Unjoni Ewropea għandha tassoċja lill-Ġordan mal-inizjattivi rilevanti tal-operat fl-oqsma tas-servizzi tan-navigazzjoni fl-ajru, tal-ispazju tal-ajru u tal-interoperabbiltà li ġejjin mill-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari permezz tal-involviment bikri tal-isforzi tal-Ġordan biex jistabbilixxi taqsimiet funzjonali tal-ispazju tal-ajru, jew permezz tal-koordinazzjoni xierqa tas-SESAR.

*Artikolu 16*

**Ambjent**

1. Il-Partijiet Kontraenti jagħrfu l-importanza li jitħares l-ambjent meta tkun qed tiġi żviluppata u implimentata l-politika tal-avjazzjoni internazzjonali.

2. Il-Partijiet Kontraenti jagħrfu l-importanza li jaħdmu flimkien, u fil-qafas ta' diskussjonijiet multilaterali, sabiex iqisu l-effetti li l-avjazzjoni jkollha fuq l-ambjent u fuq l-ekonomija, u sabiex jiżguraw li kwalunkwe miżura ta' taffija tkun konsistenti b'mod sħiħ mal-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

3. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jitqies li qed jillimita s-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti biex dawn jieħdu l-miżuri xierqa kollha, fi ħdan il-ġurisdizzjoni sovrana tagħhom, sabiex jevitaw jew inkella jindirizzaw l-impatti ambjentali tat-trasport bl-ajru, dejjem jekk dawn il-miżuri jkunu konsistenti b'mod sħiħ mad-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali u jekk ikunu applikati mingħajr distinzjoni ta' nazzjonalità.

4. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu għall-istandards speċifikati fil-Parti D tal-Anness III għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 17*

**Protezzjoni tal-konsumaturi**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu għall-istandards dwar it-trasport bl-ajru speċifikati fil-Parti E tal-Anness III għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 18*

**Sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzati**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu għall-istandards speċifikati fil-Parti F tal-Anness III għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 19*

**Aspetti soċjali**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet tagħhom iwasslu għall-istandards dwar it-trasport bl-ajru speċifikati fil-Parti G tal-Anness III għal dan il-Ftehim.

TITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI**

*Artikolu 20*

**Interpretazzjoni u Infurzar**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ikunu ġenerali kif ukoll jekk ikunu speċifiċi, sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-obbligi li joriġinaw minn dan il-Ftehim. L-istess Partijiet għandhom jevitaw kwalunkwe miżura li tipperikola b'xi mod il-ksib tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti Kontraenti għandha tkun responsabbli, fit-territorju tagħha stess, li tinforza b'mod xieraq dan il-Ftehim u, b'mod partikulari, il-liġijiet li jwasslu għall-istandards speċifikati fl-Anness III għal dan il-Ftehim.

3. Kull Parti Kontraenti għandha tagħti lill-Parti Kontraenti l-oħra t-tagħrif u l-għajnuna kollha meħtieġa fil-każ ta' investigazzjonijiet dwar ksur possibbli ta' regolamenti li dik il-Parti Kontraenti l-oħra tkun qed twettaq skont il-kompetenzi rispettivi tagħha kif ipprovdut f'dan il-Ftehim.

4. Kull meta l-Partijiet Kontraenti jaġixxu skont is-setgħat li jagħtihom dan il-Ftehim fuq kwistjonijiet li jkunu ta' interess għall-Parti Kontraenti l-oħra u li jkollhom x'jaqsmu mal-awtoritajiet jew mal-kumpaniji tal-Parti Kontraenti l-oħra, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ u għandhom jingħataw l-opportunità li jikkummentaw qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

*Artikolu 21*

**Il-Kumitat Konġunt**

1. B'dan qed jiġi stabbilit kumitat li huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Kumitat Konġunt). Dan se jkollu f'idejh l-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandu jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Għal dan il-għan, dan għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet imsemmija f'dan il-Ftehim.

2. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu adottati b'kunsens u jkunu jorbtu lill-Partijiet Kontraenti. Il-Partijiet Kontraenti għandhom iqegħduhom fis-seħħ skont ir-regoli proprji tagħhom.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, b'deċiżjoni, ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ. Kull Parti Kontraenti tista' titlob biex issir laqgħa.

5. Parti Kontraenti tista' titlob ukoll li l-Kumitat Konġunt jiltaqa' biex ifittex soluzzjoni għal kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Laqgħa bħal din għandha tibda fl-eqreb data possibbli, iżda mhux iktar tard minn xahrejn mid-data li fiha tkun waslet it-talba, sakemm il-Partijiet Kontraenti ma jiftehmux mod ieħor.

6. Għall-għanijiet tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiskambjaw it-tagħrif u, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti, għandhom iwettqu l-konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

7. Jekk skont waħda mill-Partijiet Kontraenti, id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ma tkunx implimentata kif xieraq mill-Parti Kontraenti l-oħra, din tal-ewwel tista' titlob lill-Kumitat Konġunt biex jiddiskuti l-kwistjoni. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jkunx jista' jsolvi l-kwistjoni fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret it-talba, il-Parti Kontraenti li tkun għamlet it-talba tista' tieħu l-miżuri ta' salvagwardja li jkunu xierqa skont l-Artikolu 23 ta' dan il-Ftehim (Miżuri ta' Salvagwardja).

8. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom juru d-data ta' meta dawn iridu jiġi implimentati mill-Partijiet Kontraenti kif ukoll kwalunkwe tagħrif ieħor li jista' jikkonċerna lill-operaturi ekonomiċi.

9. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, jekk il-Kumitat Konġunt ma jiddeċidix dwar kwistjoni li tkun tressqet quddiemu fi żmien sitt xhur minn mindu tkun saret it-talba, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jieħdu l-miżuri temporanji ta' salvagwardja li jkunu xierqa skont l-Artikolu 23 ta' dan il-Ftehim (Miżuri ta' Salvagwardja).

10. Il-Kumitat Konġunt għandu jistħarreġ il-kwistjonijiet marbutin mal-investimenti bilaterali ta' sjieda maġġoritarja jew ma' bidliet fil-kontroll effettiv tat-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet Kontraenti.

11. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżviluppa wkoll il-kooperazzjoni billi:

(a) irawwem skambji fil-livell tal-esperti dwar inizjattivi u żviluppi leġiżlattivi jew regolatorji ġodda, inklużi fl-oqsma tas-sigurtà, tas-sikurezza, tal-ambjent, tal-infrastruttura tal-avjazzjoni (inklużi s-slots), tal-ambjent kompetittiv u tal-ħarsien tal-konsumatur;

(b) jeżamina b'mod regolari l-effetti soċjali ta' dan il-Ftehim skont il-mod kif ikun qed jiġi implimentat, l-aktar fil-qasam tal-impjiegi, u billi jiżviluppa tweġibiet xierqa għat-tħassib li jinstab li huwa leġittimu;

(c) jqis l-oqsma potenzjali li fihom dan il-Ftehim jista' jkompli jiġi żviluppat, inkluża r-rakkomandazzjoni ta' emendi għal dan il-Ftehim; u

(d) jaqbel, abbażi ta' kunsens, fuq proposti, approċċi jew dokumenti ta' natura proċedurali li huma marbutin b'mod dirett mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim.

12. Il-Partijiet Kontraenti għandhom l-istess għan li jkabbru kemm jista' jkun il-benefiċċji għall-konsumaturi, għal-linji tal-ajru, għall-ħaddiema, u għall-komunitajiet billi jestendu dan il-Ftehim biex jinkludi wkoll pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jaħdem sabiex jiżviluppa proposta dwar il-kondizzjonijiet u l-proċeduri meħtieġa sabiex il-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jissieħbu f'dan il-Ftehim, inklużi kwalunkwe emendi meħtieġa għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 22*

**Riżoluzzjoni tat-tilwim u Arbitraġġ**

1. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' titlob lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jeżamina kwalunkwe tilwima marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, jekk din ma tkunx issolviet skont l-Artikolu 21 ta' dan il-Ftehim (il-Kumitat Konġunt).

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jista' jsolvi t-tilwima billi jieħu deċiżjoni dwarha.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Jekk il-Partijiet Kontraenti ma jkunux jistgħu jsolvu t-tilwima la permezz tal-Kumitat Konġunt u lanqas skont il-paragrafu 2, il-kwistjoni għandha, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, titressaq quddiem bord tal-arbitraġġ li jkun magħmul minn tliet arbitri skont il-proċedura stabbilita hawn taħt:

(a) kull Parti Kontraenti għandha taħtar arbitru fi żmien sittin (60) jum mid-data li fiha tirċievi notifika mibgħuta mill-Parti Kontraenti l-oħra b'mezzi diplomatiċi li saret talba lill-bord tal-arbitraġġ għall-proċess ta' arbitraġġ; it-tielet arbitru għandu jinħatar miż-żewġ arbitri l-oħra fi żmien sittin (60) jum ieħor. Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti ma tkunx ħatret arbitru fiż-żmien miftiehem, jew jekk it-tielet arbitru ma jinħatarx fiż-żmien miftiehem, kull Parti Kontraenti tista' titlob lill-President tal-Kunsill tal-ICAO biex jaħtar arbitru jew arbitri, skont liema minn dawn tkun applikabbli;

(b) it-tielet arbitru li jinħatar skont it-termini tal-paragrafu a) t'hawn fuq għandu jkun ċittadin ta' Stat terz u għandu jaġixxi bħala l-President tal-bord tal-arbitraġġ;

(c) il-bord tal-arbitraġġ għandu jaqbel dwar ir-regoli tal-proċedura tiegħu; u

(d) suġġett għad-deċiżjoni finali tal-bord tal-arbitraġġ, l-ispejjeż inizjali tal-arbitraġġ għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet.

5. Fuq talba ta' Parti Kontraenti u dejjem sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali tal-bord tal-arbitraġġ, il-bord tal-arbitraġġ jista' jordna lill-Parti Kontraenti l-oħra timplimenta miżuri temporanji ta' rimedju.

6. Kwalunkwe deċiżjoni proviżorja jew finali tal-bord tal-arbitraġġ għandha torbot lill-Partijiet Kontraenti.

7. Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti ma taġixxix skont id-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ li tkun ittieħdet skont it-termini ta' dan l-Artikolu fi żmien tletin (30) jum min-notifika tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq, il-Parti Kontraenti l-oħra tista', sakemm idum għaddej dan in-nuqqas, tillimita, tissospendi jew tirrevoka d-drittijiet jew il-privileġġi li tkun tat lill-Parti Kontraenti li tkun qed tonqos skont it-termini ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 23*

**Miżuri ta' Salvagwardja**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika li hija meħtieġa biex iwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. Huma għandhom jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

2. Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti tqis li l-Parti Kontraenti l-oħra tkun naqset milli twettaq xi obbligu skont dan il-Ftehim, din tista' tieħu l-miżuri li jkunu xierqa. Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu illimitati, fl-ambitu u fiż-żmien tagħhom, għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex titranġa s-sitwazzjoni jew sabiex jinżamm il-bilanċ ta' dan il-Ftehim. Għandha tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li jfixklu l-inqas it-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

3. Kwalunwe Parti Kontraenti li tkun qed tqis li tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tavża lill-Partijiet Kontraenti l-oħra permezz tal-Kumitat Konġunt u għandha tforni t-tagħrif rilevanti kollu.

4. Il-Partijiet Kontraenti għandhom minnufih jibdew konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(d) (Awtorizzazzjoni), l-Artikolu 4(d) (Rifjut, Revoka, Sospensjoni u Limitazzjoni tal-Awtorizzazzjoni) u l-Artikolu 13 (Sikurezza tal-Avjazzjoni) u l-Artikolu 14 (Sigurtà tal-Avjazzjoni) ta' dan il-Ftehim, il-Parti Kontraenti kkonċernata ma tistax tieħu miżuri ta' salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar mid-data tan-notifika skont il-paragrafu 3, sakemm il-proċedura ta' konsultazzjoni skont il-paragrafu 4 ma tkunx intemmet qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien iddikjarat.

6. Il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tavża lill-Kumitat Konġunt dwar il-miżuri meħuda mingħajr dewmien u għandha tforni t-tagħrif rilevanti kollu.

7. Kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet skont it-termini ta' dan l-Artikolu għandha tiġi sospiża hekk kif il-Parti Kontraenti li tkun qed tonqos tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 24*

**Estensjoni ġeografika tal-Ftehim**

Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jwettqu djalogu kontinwu sabiex jiżguraw li dan il-Ftehim ikun koerenti mal-proċess ta' Barċellona u jimmiraw li, fl-aħħar mill-aħħar joħolqu żona komuni Ewro-Mediterranja tal-avjazzjoni. Għalhekk, fi ħdan il-Kumitat Konġunt se tkun eżaminata l-possibbiltà li jsiru emendi, miftiehma b'mod reċiproku, sabiex jitqiesu ftehimiet Ewro-Mediterranji simili dwar l-Avjazzjoni, skont l-Artikolu 21(11) (il-Kumitat Konġunt).

*Artikolu 25*

**Relazzjoni ma' Ftehimiet oħrajn**

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim qed jieħdu post id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali li jeżistu bejn il-Ġordan u l-Istati Membri. Madanakollu, id-drittijiet tat-traffiku eżistenti li ġejjin minn dawn il-ftehimiet bilaterali u li mhumiex koperti minn dan il-Ftehim jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati, dejjem jekk ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea abbażi tan-nazzjonalità.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u suġġett għall-Artikolu 27 (Terminazzjoni), jekk dan il-Ftehim jintemm jew ma jibqax jiġi applikat b'mod proviżorju, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jaqblu dwar l-iskema li tibda tapplika wara għas-servizzi tal-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom qabel it-terminazzjoni.

3. Jekk il-Partijiet Kontraenti jsiru parti għal xi ftehim multilaterali jew japprovaw deċiżjoni adottata mill-ICAO jew minn xi organizzazzjoni internazzjonali oħra li tindirizza kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim, huma għandhom jikkonsultaw ma' xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jistabbilixxu jekk dan il-Ftehim għandux jiġi rrivedut sabiex jieħu kont ta' tali żviluppi.

4. Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni li jistgħu jieħdu ż-żewġ Partijiet Kontraenti biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li tista' tagħmel l-ICAO fil-ġejjieni. Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx jikkwotaw dan il-Ftehim, jew xi parti minnu, bħala l-bażi biex jopponu strateġiji politiċi alternattivi fl-ICAO dwar kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

*Artikolu 26*

**Emendi**

1. Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti tkun tixtieq temenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, għandha tinnotifika lill-Kumitat Konġunt dwar dan. L-emendi għal dan il-Ftehim għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi ta' kull Parti Kontraenti.

2. Il-Kumitat Konġunt jista', fuq proposta li tagħmel waħda mill-Partijiet Kontraenti u skont dan l-Artikolu, jiddeċiedi li jimmodifika l-Annessi għal dan il-Ftehim.

3. Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti Kontraenti, suġġett għall-konformità mal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, li tadotta, b'mod unilaterali, leġiżlazzjoni ġdida jew li temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam relatat imsemmi fl-Anness III għal dan il-Ftehim.

4. Hekk kif xi waħda mill-Partijiet Kontraenti tkun qed tfassal leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam relatat kopert mill-Anness III li tista' taffettwa t-tħaddim tajjeb ta' dan il-Ftehim, hija għandha tgħarraf lill-Parti Kontraenti l-oħra u tikkonsulta kemm jista' jkun mill-qrib magħha. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, jista' jsir skambju preliminari ta' ideat fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

5. Hekk kif Parti Kontraenti tkun adottat leġiżlazzjoni ġdida jew emenda għal-leġiżlazzjoni tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam relatat imsemmi fl-Anness III li tista' taffettwa l-funzjonament adatt ta' dan il-Ftehim, hija għandha tgħarraf lill-Parti Kontraenti l-oħra sa mhux aktar tard minn tletin jum wara li tkun adottataha. Fuq talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti, il-Kumitat Konġunt għandu, fi żmien sittin jum minn meta ssir it-talba, iwettaq skambju tal-ideat dwar l-implikazzjonijiet li din il-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida jista' jkollha fuq il-funzjonament adatt ta' dan il-Ftehim.

6. Wara li jsir l-iskambju tal-ideat imsemmi fil-paragrafu 5 t'hawn fuq, il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jadotta deċiżjoni li tirrevedi l-Anness III għal dan il-Ftehim biex jintegra fih, jekk ikun meħtieġ fuq il-bażi tar-reċiproċità, il-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida kkonċernata;

(b) jadotta deċiżjoni fis-sens li l-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida kkonċernata għandha titqies bħala konformi ma' dan il-Ftehim; jew

(c) jirrakkomanda kwalunkwe miżura oħra, li għandha tkun adottata fi ħdan perijodu raġonevoli ta' żmien, biex ikun salvagwardjat il-funzjonament adatt ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 27*

**Terminazzjoni**

1. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perijodu illimitat.

2. Kull Parti Kontraenti tista', f'kull waqt, tinnotifika bil-miktub b'mezzi diplomatiċi lill-Parti Kontraenti l-oħra dwar id-deċiżjoni tagħha li tittermina dan il-Ftehim. It-tali notifika għandha tintbagħat simultanjament lill-ICAO. Dan il-Ftehim għandu jintemm f'nofsillejl GMT fi tmiem l-istaġun tat-traffiku tal-IATA li jkun għaddej sena wara d-data tan-notifika bil-miktub dwar it-terminazzjoni tiegħu, sakemm:

(a) in-notifika ma tiġix irtirata bi qbil bejn il-Partijiet Kontraenti qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu; jew

(b) il-Parti Kontraenti li ma tkunx dik li tkun bagħtet l-avviż dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim, ma titlobx perijodu itwal taż-żmien, li ma jistax jaqbeż it-18-il xahar, sabiex tiżgura li jkun hemm negozjati sodisfaċenti dwar l-iskema li għandha tapplika għas-servizzi tal-ajru bejn it-territorji rispettivi taż-żewġ Partijiet wara li jintemm dan il-Ftehim.

*Artikolu 28*

**Reġistrazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti**

Dan il-Ftehim u l-emendi kollha tiegħu għandhom jiġu rreġistrati mal-ICAO u mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 29*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ xahar wara d-data tal-aħħar nota fi skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet Kontraenti li jikkonfermaw li l-proċeduri kollha meħtieġa biex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ ikunu tlestew. Għall-għanijiet ta' dan l-iskambju, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan għandu jwassal lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea n-nota diplomatika tiegħu lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha, u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jwassal lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan in-nota diplomatika tiegħu mingħand l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. In-nota diplomatika mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandu jkun fiha l-komunikazzjonijiet minn kull Stat Membru li jikkonfermaw li l-proċeduri tagħhom meħtieġa biex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ ikunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet Kontraenti jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim b'mod proviżorju mill-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li tiġi l-ewwel minn dawn it-tnejn: (i) id-data tal-aktar nota tard li biha l-Partijiet ikunu għarrfu lil xulxin li l-proċeduri meħtieġa biex dan il-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju jkunu tlestew, u (ii) id-data li tiġi 12-il xahar wara d-data li fiha jiġi ffirmat dan il-ftehim, suġġetta għall-proċeduri u/jew għal-leġiżlazzjoni domestika interna tal-Partijiet Kontraenti, kif applikabbli.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji t'hawn taħt, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, fil-ħmistax-il jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra, f'żewġ kopji, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Isvediż u bl-Għarbi, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.
Cette signature engage égalament la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.
Diese Unterschrift bindet zugleich die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



På Kongeriget Danmarks vegne



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar cheann Na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



A Magyar Köztársaság részéről



Għal Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen





عن المملكة الأردنية الهاشمية



*ANNESS I*

**SERVIZZI MIFTIEHMA U ROTOT SPEĊIFIKATI**

1. Dan l-Anness huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet transitorji mogħtija fl-Anness II għal dan il-Ftehim.

2. Kull Parti Kontraenti tagħti lit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra d-drittijiet biex jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru fuq ir-rotot speċifikati hawn taħt:

   (a) għat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea: Punti fl-Unjoni Ewropea — Punt intermedju wieħed jew iktar fil-pajjiżi Ewro-Mediterranji, fil-pajjiżi tal-ECAA jew fil-pajjiżi mniżżlin fl-Anness IV — Punt wieħed jew iktar fil-Ġordan.

   (b) għat-trasportaturi bl-ajru tal-Ġordan: Punti fil-Ġordan — Punt intermedju wieħed jew iktar fil-pajjiżi Ewro-Mediterranji, fil-pajjiżi tal-ECAA jew fil-pajjiżi mniżżlin fl-Anness IV — Punt wieħed jew iktar fl-Unjoni Ewropea.

3. Is-servizzi mħaddma skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Anness għandhom jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Ġordan għat-trasportaturi bl-ajru tal-Ġordan u fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità.

4. Għal kwalunkwe titjira jew għat-titjiriet kollha u meta jagħżlu huma, it-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti jistgħu:

   a) iħaddmu titjiriet f'xi waħda mid-direzzjonijiet jew fit-tnejn li huma;

   b) jgħaqqdu flimkien numri tat-titjiriet differenti fi ħdan operazzjoni waħda ta' inġenju tal-ajru;

   c) jaqdu punti intermedji, kif speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Anness, u jaqdu punti fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti fi kwalunkwe kombinazzjoni u fi kwalunkwe ordni;

   d) ma jagħmlux waqfiet f'ċertu punt jew f'ċerti punti;

   e) jittrasferixxu t-traffiku minn kwalunkwe inġenju tal-ajru tagħhom għal xi inġenju tal-ajru ieħor tagħhom fi kwalunkwe punt;

   f) jagħmlu waqfiet intermedjarji fi kwalunkwe punt kemm fit-territorju, kif ukoll barra mit-territorju, ta' xi waħda mill-Partijiet Kontraenti;

   g) iġorru t-traffiku fi tranżitu mit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra; u

   h) jgħaqqdu flimkien it-traffiku fuq l-istess inġenju tal-ajru irrispettivament minn fejn ikun beda t-tali traffiku.

5. Kull Parti Kontraenti għandha tippermetti lil kull trasportatur bl-ajru jiddeċiedi dwar il-frekwenza u l-kapaċità tat-trasport internazzjonali bl-ajru li dan ikun joffri abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali li jkun hemm fis-suq. B'mod konsistenti ma' dan id-dritt, l-ebda Parti Kontraenti m'għandha tillimita b'mod unilaterali l-volum tat-traffiku, il-frekwenza jew ir-regolarità tas-servizz, jew it-tip jew tipi ta' inġenji tal-ajru li jitħaddmu mit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra, ħlief għal raġunijiet ta' dwana, raġunijiet tekniċi, tal-operat, ambjentali jew tal-ħarsien tas-saħħa.

6. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti Kontraenti jistgħu jaqdu, b'mod notevoli iżda mhux esklużiv fi ħdan il-qafas tal-arranġamenti tal-qsim tal-kodiċi, kwalunkwe punt li jinsab f'pajjiż terz li mhux inkluż fuq ir-rotot speċifikati, dejjem jekk dawn ma jeżerċitawx id-drittijiet tal-ħames libertà.

*ANNESS II*

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI**

1. L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim, b'mod speċjali tal-istandards speċifikati fl-Anness III, ħlief għall-Parti B ta' dak l-Anness, għandhom ikunu vverifikati permezz ta' evalwazzjoni li għandha ssir taħt ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea u li għandha tkun approvata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Din l-evalwazzjoni għandha ssir fid-data li tiġi l-ewwel mit-tnejn li ġejjin: (i) id-data li fiha l-Ġordan jgħarraf lill-Kumitat Konġunt li jkun temm il-proċess tal-armonizzazzjoni bbażat fuq l-Anness III għal dan il-Ftehim u (ii) sena wara li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Anness I, is-servizzi miftiehma u r-rotot speċifikati f'dan il-Ftehim m'għandhomx jinkludu, sa meta tiġi adottata d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness II, id-dritt għat-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet Kontraenti kollha li jeżerċitaw id-drittijiet tal-ħames libertà, inkluż għat-trasportaturi bl-ajru tal-Ġordan bejn punti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Madanakollu, id-drittijiet kollha tat-traffiku diġà mogħtija minn wieħed mill-ftehimiet bilaterali ta' bejn il-Ġordan u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati sakemm ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea abbażi tan-nazzjonalità.

3. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Anness, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards tas-sigurtà speċifikati fil-Parti B tal-Anness III għandhom ikunu vverifikati permezz ta' evalwazzjoni li għandha ssir taħt ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea u li għandha tkun approvata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Il-partijiet kunfidenzjali tal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà mogħtija fil-Parti B tal-Anness III se tinqasam mal-Ġordan biss ladarba tiġi adottata t-tali deċiżjoni.

4. It-trasportaturi bl-ajru kollha taż-żewġ Partijiet Kontraenti għandhom jibdew jibbenefikaw mid-dritt mogħti fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3(a)(i) ("self-handling") fl-Ajruport Internazzjonali ta' Queen Alia sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016. Sadanittant, is-servizzi kollha tal-immaniġġjar fuq l-art f'dak l-ajruport għandhom ikunu disponibbli għat-trasportaturi bl-ajru kollha b'mod ugwali u mhux diskriminatorju; il-prezzijiet ta' dawn is-servizzi m'għandhomx jaqbżu l-ispiża kollha tagħhom inkluż qligħ raġonevoli fuq l-assi, wara d-deprezzament.

*ANNESS III*

**LISTA TAR-REGOLI MARBUTIN MAL-AVJAZZJONI ĊIVILI**

A. SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Nru 3922/91

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili

kif emendat permezz ta':

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2176/96 tat-13 ta' Novembru 1996 li jemenda għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1069/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 li jadatta għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2871/2000 tat-28 ta' Diċembru 2000 li jadatta għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91,

— Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Europea

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10 u 12 sa 13 ħlief għall-Artikolu 4(1) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 8(2), l-Annessi I, II u III. F'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tal-Artikolu 12, il-frażi "Stati Membri" għandha tfisser "Stati Membri tal-Unjoni Ewropea".

— Ir-Regolament (KE) Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili,

— Ir-Regolament (KE) Nru 1900/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008 tal-11 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan,

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10 u 12 sa 13 ħlief għall-Artikolu 4(1) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 8(2), l-Annessi I sa III. F'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tal-Artikolu 12, il-frażi "Stati Membri" għandha tfisser "Stati Membri tal-Unjoni Ewropea".

Nru 216/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 68 ħlief għall-Artikolu 65, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 69(1), l-Artikolu 69(4), u l-Annessi I sa VI.

Nru 94/56

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/56/KE tal-21 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-prinċipji fondamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti ta' avjazzjoni ċivili

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12

Nru 2003/42

Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11 u l-Annessi I u II.

Nru 1702/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom, kif emendat permezz ta':

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/2005 tas-7 ta' Marzu 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 706/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 bir-rigward għall-perijodu matul liema l-Istati Membri jistgħu joħorġu approvazzjonijiet għal dewmien limitat,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 335/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati li ma jagħmlux ħsara ambientali,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 287/2008 tat-28 ta' Marzu 2008 dwar l-estensjoni tal-perijodu ta' validità msemmi fl-Artikolu 2ċ(3) tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1057/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 li jemenda l-Appendiċi II tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 dwar iċ-Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Adegwatezza għall-Avjazzjoni (EASA Formola 15a)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4 u l-Anness. Il-perjodi ta' tranżizzjoni msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

Nru 2042/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6 u l-Annessi I sa IV.

kif emendat permezz ta':

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar approvazzjonijiet għal perijodu limitat u l-Annessi I u III,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwa li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar l-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involuti f'dan ix-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6 u l-Annessi I sa IV.

B. SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

Nru 300/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 18, l-Artikolu 21, l-Artikolu 24(2) sa (3) u l-Anness.

Nru 820/2008

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6, l-Anness u d-Dokument mehmuż Nru 1.

Nru 1217/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003 tal-4 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni għal programmi ta' kontroll ta' kwalità għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili nazzjonali

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11 u l-Annessi I u II.

Nru 1486/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1486/2003 tat-22 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi proċeduri sabiex jitmexxew spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16.

Nru 1138/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1138/2004 tal-21 ta' Ġunju 2004 li jistabbilixxi tifsira komuni għal partijiet kritiċi taż-żoni ristretti ta' sigurtà fl-ajruporti

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8.

C. ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Nru 549/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, 6, u 9 sa 14.

Nru 550/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19.

Nru 551/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11.

Nru 552/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12.

Nru 2096/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru kif emendat permezz ta':

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 tat-8 ta' Novembru 2007 dwar sorveljanza tas-sikurezza fl-amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005.

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9 u l-Annessi I sa V.

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 482/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi sistema ta' garanzija tas-sigurtà tas-softwer li għandha tiġi implimentata mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2096/2005.

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5 u l-Annessi I sa II.

Nru 2150/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9 u l-Anness.

Nru 1794/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 17, l-Artikoli 18 sa 19 u l-Annessi I sa VI.

D. AMBJENT

Nru 2006/93

Id-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6 u l-Annessi I u II.

Nru 2002/30

Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15 u l-Annessi I u II.

Nru 2002/49

Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwarda l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16 u l-Annessi I sa IV.

E. PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

Nru 90/314

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10.

Nru 93/13

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10 u l-Anness.

Nru 95/46

Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [dejta]

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 34.

Nru 2027/97

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti

kif emendat permezz ta':

— Ir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8.

Nru 261/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 17.

Nru 1107/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 17 u l-Annessi I u II.

F. SISTEMI TA' PRENOTAZZJONI KKOMPJUTERIZZATI

Nru 80/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89

G. ASPETTI SOĊJALI

Nru 1989/391

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16 u 18 sa 19.

Nru 2003/88

Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19, 21 sa 24 u 26 sa 29.

Nru 2000/79

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Arju (IACA).

*ANNESS IV*

**LISTA TA' STATI OĦRA LI HUMA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 3 U 4 U FL-ANNESS I**

1. Ir-Repubblika tal-Islanda (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
2. Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
3. Ir-Renju tan-Norveġja (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
4. Il-Konfederazzjoni Svizzera (skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera).

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1153/2012

**tat-3 ta' Diċembru 2012**

**li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

### 1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Il-Kunsill, wara investigazzjoni ta' anti-dumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), impona bir-Regolament (KE) Nru 1338/2006 [2] dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-ġilda tal-kamoxxa li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 4114 10 10 u 4114 10 90 li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") ("il-miżuri anti-dumping definittivi"). Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* fuq il-livell ta' 58,9 %.

### 2. Talba għal reviżjoni ta' skadenza

(2) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping definittivi fis-seħħ [3], il-Kummissjoni rċeviet talba fl-14 ta' Ġunju 2011 għall-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet mill-UK Leather Federation (il-Federazzjoni tal-Ġilda tar-Renju Unit) ("l-applikant"), li tirrappreżenta aktar minn 50 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ġilda tal-kamoxxa.

(3) It-talba mressqa kienet imsejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping definittivi x'aktarx li kienet se twassal għall-kontinwazzjoni ta' dumping u ta' ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

### 3. Il-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza

(4) Billi ġie determinat, wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza, il-Kummissjoni ħabbret fit-13 ta' Settembru 2011, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [4] ("in-Notifika ta' bidu"), il-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

### 4. L-investigazzjoni

4.1. *Il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni u l-perjodu kkunsidrat*

(5) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' dumping kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2010 u t-30 ta' Ġunju 2011 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "il-PIR"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni ("il-perjodu meqjus").

4.2. *Il-partijiet milquta mill-investigazzjoni*

(6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment bil-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza, lill-applikant u lil produtturi oħra magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat, lill-importaturi mhux relatati, lill-utenti fl-Unjoni li hu magħruf li huma kkonċernati, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż ikkonċernat. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' bidu.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 251, 14.9.2006, p. 1.
[3] ĠU C 19, 20.1.2011, p. 9.
[4] ĠU C 270, 13.9.2011, p. 6.

(7) Fid-dawl tal-għadd apparentement kbir ta' produtturi, produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat u importaturi mhux relatati tal-Unjoni, tqies li jkun xieraq, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jiġi analizzat jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjuni. Biex il-Kummissjoni tiddeċiedi kienx meħtieġ it-teħid ta' kampjun u, kieku kien hekk, biex jintgħażel kampjun, dawk il-partijiet, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, ntalbu jippreżentaw lilhom infushom fi żmien 15-il jum mil-bidu tar-reviżjoni u li jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif meħtieġ fin-Notifika ta' bidu.

(8) It-teħid ta' kampjuni għall-produtturi tal-Unjoni kien applikat u minn tliet produtturi magħrufa tal-Unjoni żewġ gruppi ta' produtturi ġew inklużi fil-kampjun.

(9) Sitt produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ ġew ikkuntattjati. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn il-kumpaniji ma kkooperat fl-investigazzjoni.

(10) Rigward l-importaturi, 35 importatur mhux relatat ta' ġilda tal-kamoxxa fl-Unjoni kienu identifikati u mistiedna jipprovdu tagħrif tat-teħid ta' kampjuni. Tnejn minnhom biss ippreżentaw lilhom infushom u kienu lesti li jikkooperaw fir-reviżjoni kurrenti. Konsegwentement, ebda teħid ta' kampjuni ma kien meħtieġ għall-importaturi mhux relatati.

(11) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa kkonċernati u lil dawk li ppreżentaw lilhom infushom fl-iskadenzi stabbiliti fin-Notifika ta' bidu. Waslu tweġibiet minn gruppi ta' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u żewġ importaturi mhux relatati li kkoperaw. L-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera f'din ir-reviżjoni u l-ebda assoċjazzjoni tal-konsumaturi rilevanti ma bagħtet xi tagħrif lill-Kummissjoni jew ma ppreżentat lilha nnifisha fl-andament tal-investigazzjoni.

(12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u ta' ħsara li tirriżulta minnu u tal-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fuq il-post tal-partijiet interessati li ġejjin:

**Produtturi tal-Unjoni**

— Hutchings & Harding Ltd, Cambridge, ir-Renju Unit; kif ukoll

— Marocchinerie e Scamoscerie Italiane Spa, Torino, l-Italja.

### B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(13) Il-prodott ikkonċernat minn din ir-reviżjoni huwa l-istess bħal dak tal-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri ġilda tal-kamoxxa u ġilda mħallta tal-kamoxxa, sew jekk maqtugħa skont il-qies, sew jekk le, inklużi ġilda iebsa tal-kamoxxa u ġilda iebsa mħallta tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"), attwalment ikklassifikat fil-kodiċijiet NM 4114 10 10 u 4114 10 90.

(14) L-investigazzjoni kkonfermat li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott ikkonċernat u l-prodotti manifatturati u mibjugħin fis-suq domestiku fir-RPĊ, kif ukoll dawk immanifatturati u mibjugħin fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użijiet u huma, għalhekk, meqjusin bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

### C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TA' DUMPING

(15) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti tistax x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping.

#### 1. Il-kummenti preliminari

(16) Kif iddikjarat fil-premessa (9) hawn fuq, l-ebda wieħed mis-sitt produtturi esportaturi fir-RPĊ li ġew ikkuntattjati ma kkoopera fl-investigazzjoni u s-sejbiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping kellhom ikunu msejsa fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari t-tagħrif imressaq mill-applikant, inkluż it-tagħrif fit-talba għal reviżjoni, u statistika skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

#### 2. Id-dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

*2.1. Il-pajjiż analogu*

(17) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kellu jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz jew tal-valur normali kostruwit miksub f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa ("il-pajjiż analogu"), jew il-prezz mill-pajjiż analogu għal pajjiżi oħra, inkluża l-Unjoni, jew, fejn dan ma kienx possibbli, fuq kwalunkwe bażi oħra raġonevoli, inkluż il-prezz imħallas realment jew li għandu jitħallas fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat b'mod xieraq jekk meħtieġ biex jinkludi marġni ta' profitt raġonevoli.

(18) Fl-investigazzjoni oriġinali, l-Istati Uniti tal-Amerika ntużat bħala pajjiż analogu biex jiġi stabbilit il-valur normali. L-uniku produttur tal-ġilda tal-kamoxxa li kien jopera fl-Istati Uniti tal-Amerika fiż-żmien tal-investigazzjoni oriġinali minn dakinhar għalaq is-sit ta' produzzjoni tiegħu. Minn dak iż-żmien il-ġilda tal-kamoxxa qed tiġi importata minn kumpanija ta' impriża konġunta fit-Turkija. Billi ma hemmx aktar produzzjoni sinifikanti fl-Istati Uniti tal-Amerika tal-ġilda tal-kamoxxa, pajjiżi oħra, jiġifieri New Zealand, it-Turkija u l-Indja, kienu previsti bħala pajjiżi analogi fin-Notifika ta' bidu tar-reviżjoni preżenti. Il-produtturi potenzjali fil-pajjiż analogu li jinsabu fi New Zealand, fit-Turkija u fl-Indja ġew ikkuntattjati, iżda ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni.

(19) Rigward il-valur normali, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn produttur ta' pajjiż analogu, dan ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' tagħrif dwar il-prezz medju ta' importazzjonijiet Indjani fl-Unjoni bħala disponibbli fl-istatistika tal-importazzjoni mill-Eurostat matul il-PIR. (Billi l-Indja hija l-pajjiż bl-ogħla volum ta' importazzjonijiet fl-Unjoni). Rigward il-prezz tal-esportazzjoni, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ, dan kien ibbażat fuq it-tagħrif dwar il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni bħala disponibbli fl-istatistika tal-importazzjoni mill-Eurostat matul il-PIR. Fuq dawk il-kunsiderazzjonijiet, il-marġni ta' dumping ġie stabbilit bħala d-differenza bejn il-prezz medju tal-importazzjonijiet Indjani fl-Unjoni użat bħala valur normali u l-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi użat bħala l-prezz tal-esportazzjoni. Il-kalkolu tad-dumping irriżulta f'marġni ta' dumping ta'64 %.

### 2.2. *L-iżvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li jiġu revokati l-miżuri*

(20) Minbarra l-analiżi tal-eżistenza ta' dumping matul il-PIR, ġiet investigata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk jiġu revokati l-miżuri. Minħabba l-fatt li l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera f'din l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet hawn taħt joqogħdu fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri t-tagħrif mogħti fit-talbiet għal reviżjoni, id-dejta pprovduta mill-applikant, kif ukoll id-dejta tal-Eurostat.

(21) F'dan ir-rigward, l-elementi li ġejjin ġew analizzati: l-iżvilupp tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-produzzjoni u l-kapaċità żejda tal-produtturi esportaturi u l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni f'termini ta' prezzijiet u ta' volumi.

(22) Kif indikat fil-premessa (32) hawn isfel, it-tqabbil tal-prezzijiet bejn l-importazzjonijiet mir-RPĊ matul il-PIR u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni juri twaqqigħ tal-prezz sinifikanti (51,6 %). Is-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, kemm f'termini ta' prezzijiet u ta' volumi. Dan huwa rinforzat mill-fatt li hemm produzzjoni sinifikanti tal-kapaċitajiet disponibbli fir-RPĊ mindu saret l-impożizzjoni tal-miżuri meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ tnaqqsu. Diġà qabel l-impożizzjoni tal-miżuri ir-RPĊ ittriplikat is-sehem mis-suq tagħha fl-Unjoni għal dan il-prodott - minn 10,7 % tas-sehem mis-suq tas-suq tal-Unjoni fl-2001 għal 31,7 % fl-2004. Barra minn hekk, il-prezzijiet ta' esportazzjonijiet Ċiniżi lill-Unjoni għadhom ogħla minn dawk fuq is-swieq ta' ċerti pajjiżi terzi oħra u b'hekk is-suq tal-Unjoni jkun attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(23) L-analiżi ta' hawn fuq turi li l-esportazzjonijiet Ċiniżi komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li kienu l-oġġett ta' dumping b'marġni ta' dumping għoli ħafna. Minħabba, notevolment, l-analiżi tal-livelli tal-prezzijiet fl-Unjoni kif ukoll tal-kapaċitajiet disponibbli fir-RPĊ, jista' jiġi konkluż li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk il-miżuri jitneħħew.

## D. ĦSARA

### 1. **L-industrija tal-Unjoni**

(24) Fl-Unjoni, il-prodott simili huwa mmanifatturat minn tliet (gruppi ta') kumpaniji. Tnejn minnhom huma rappreżentati mill-applikant u huma bbażati fir-Renju Unit u l-Italja b 'xi proċessar fil-Polonja u r-Rumanija. It-tielet produttur huwa bbażat fl-Italja u qed jappoġġja t-talba. Il-produtturi l-oħrajn kollha tal-ġilda tal-kamoxxa huma rrappurtati li għalqu s-siti tal-manifattura tagħhom mill-2006 meta l-miżuri oriġinali ġew introdotti.

(25) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku kienet stabbilita fuq il-bażi tar-risposti għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u l-makrodejta ta' bażi ppreżentata minn produttur terz fl-eżerċizzju eżistenti/tat-teħid ta' kampjuni. Dawn il-kumpaniji jikkonstitwixxu l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għalihom bħala l-"industrija tal-Unjoni". Iż-żewġ produtturi fil-kampjun jirrappreżentaw 80 % tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(26) Billi l-indikaturi mikroekonomiċi tal-ħsara huma bbażati fuq id-dejta ta' żewġ kumpaniji biss, dawn huma ppreżentati f'format indiċjat biex tinżamm il-kunfidenzjalità, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

### 2. **Il-konsum fis-suq tal-Unjoni**

(27) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u d-dejta tal-importazzjoni mill-Eurostat.

(28) Ta' min jinnota wkoll li mill-2010 kien hemm volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi ta' ġilda tal-kamoxxa esportati lejn il-bqija tal-Unjoni minn Spanja (madwar 31 % f'termini ta' sehem mis-suq). Huwa nnutat li Spanja ma għadhiex tipproduċi l-prodott simili u l-bejgħ ta' ġilda tal-kamoxxa minn Spanja lejn il-bqija tal-Unjoni jaqbeż l-importazzjonijiet. Dawk il-volumi żdiedu maċ-ċifra tal-konsum. Bejn l-2008 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni żdied b'26 % biż-żieda ewlienija sseħħ bejn l-2009 u l-2010.

*Tabella 1*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni (f'elf pied kwadru) (*) | 22 107 | 22 300 | 28 434 | 27 827 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *101* | *129* | *126* |

(*) Dejta minn Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

## 3. **L-importazzjonijiet mir-RPĊ**

(a) Volum u sehem mis-suq

(29) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri fl-2006, l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu b'mod sinifikanti u għadhom xorta pjuttost limitati, u jikkorrispondu għal sehem mis-suq ta' madwar 4 % matul il-PIR. Minkejja dan, matul il-perjodu meqjus, il-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ żdied b' disa' (9) punti perċentwali u laħaq livell ta' 1 103 330 pied kwadru matul il-PIR. Madankollu, l-importazz-jonijiet Ċiniżi ma żdidux bl-istess rata bħall-konsum tal-Unjoni u s-sehem mis-suq tal-importazz-jonijiet Ċiniżi naqas matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 2*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (f'elf pied kwadru) (*) | 1 010,00 | 786,67 | 883,33 | 1 103,33 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *78* | *87* | *109* |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (*) | 5 % | 4 % | 3 % | 4 % |

(*) Dejta mill-Eurostat

(b) Prezzijiet

(i) ***L-evoluzzjoni tal-prezzijiet***

(30) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien ivarja tul il-perjodu kkunsidrat. Meta mqabbel mal-2008, il-prezz inizjalment żdied fl-2009 qabel niżel bi 13 % fl-2010 u reġa' tela' lura għal-livell li kien laħaq fl-2008 matul il-PIR.

*Tabella 3*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (f'EUR/pied kwadru) (*) | 0,45 | 0,61 | 0,39 | 0,46 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *136* | *87* | *102* |

(*) Dejta mill-Eurostat

(ii) ***Twaqqigħ tal-prezz***

(31) Għall-iskop tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz, il-prezzijiet tal-bejgħ b'medju ppeżat tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni kienu mqabbla mal-prezzijiet CIF korrispondenti b'medju ppeżat ta' esportaturi mir-RPĊ. Għalhekk, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġew aġġustati b'mod partikolari għall-ispejjeż ta' kreditu, spejjeż ta' twassil, imballaġġ u kummissjonijiet għal livell fuq bażi ex-works. Il-prezzijiet CIF tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ inkisbu mill-Eurostat u ġew aġġustati biex ikopru l-ispejjeż kollha relatati mal-approvazzjoni doganali, jiġifieri t-tariffi tad-dwana u l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni (prezz tal-iżbark).

(32) It-tqabbil wera li matul il-PIR, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu orħos mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'madwar 51,6 %.

## 4. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(33) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni inkludiet valutazzjoni tal-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li affettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus.

(34) Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, l-indikaturi tal-ħsara ġew stabbiliti fiż-żewġ livelli li ġejjin:

— L-indikaturi makroekonomiċi (produzzjoni, kapaċità, volum tal-bejgħ, sehem mis-suq, tkabbir, impjiegi, produttività, il-prezzijiet medji tal-unità u l-kobor tal-marġnijiet tad-dumping u rkupru mill-effetti tad-dumping tal-passat) ġew ivvaluati fil-livell tal-industrija kollha tal-Unjoni, abbażi tat-tagħrif miġbur minn tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju mill-kumpaniji fil-kampjun u l-makro-dejta pprovduta mit-tielet produttur tal-Unjoni.

— L-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi (ħażniet, pagi, profittabbiltà, dħul mill-investimenti, fluss tal-likwidità, possibbiltà li jiżdied il-kapital u l-investimenti) kienet imsejsa fuq it-tagħrif miksub mit-tweġibiet ivverifikati kif xieraq tal-kwestjonarju provduti mill-kumpaniji fil-kampjun. Dan it-tagħrif huwa kkunsidrat li jirrappreżenta l-industrija kollha tal-Unjoni. Minħabba li dawn l-indikaturi għandhom x'jaqsmu ma' żewġ kumpaniji biss, iċ-ċifri assoluti ma jistgħux jiġu żvelati għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, u hawn taħt huma mogħtija indiċijiet biss.

(a) Indikaturi makroekonomiċi

4.1. *Produzzjoni*

(35) Mill-2008 il-produzzjoni tal-Unjoni naqset kontinwament u matul il-PIR waqgħet sa 12 % taħt il-livell tagħha tal-2008, minkejja li l-konsum kien qed jikber fl-istess ħin b'26 %.

*Tabella 4*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni (f'elf pied kwadru) (*) | 7 659 | 7 223 | 7 100 | 6 753 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *94* | *93* | *88* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.2. *Il-kapaċità ta' produzzjoni u r-rati ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità*

(36) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli bejn l-2008 u l-PIR. Waqt li l-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet diġà f'livell baxx fl-2008, it-tnaqqis fil-produzzjoni bejn l-2008 u l-PIR wassal għal aktar tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-kapaċità b'7 punti perċentwali bejn l-2008 u l-PIR.

*Tabella 5*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (f'elf pied kwadru) (*) | 13 290 | 13 290 | 13 290 | 13 290 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | 100 | 100 | 100 | 100 |
| L-utilizzazzjoni tal-kapaċità (*) | 58 % | 54 % | 53 % | 51 % |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *94* | *93* | *88* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.3. *Volum tal-bejgħ*

(37) Il-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati żdied b'5 % bejn l-2008 u l-2009, qabel ma kompla jonqos bi 2 % fl-2010 u reġa' tela' matul il-PIR. Fuq kollox, il-volum tal-bejgħ żdied b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 6*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum ta' bejgħ tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati (f'elf pied kwadru) (*) | 5 144 | 5 393 | 5 324 | 5 627 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | 100 | 105 | 103 | 109 |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.4. *Sehem mis-suq*

(38) Bejn l-2008 u l-2009 l-industrija tal-Unjoni rnexxielha bi ftit tikseb mill-ġdid perċentwal (1 %) tas-sehem mis-suq mil-livell diġà baxx tagħha ta' 23 % fl-2008, qabel is-sehem mis-suq tagħha naqas b' erba' (4) punti perċentwali għal 20 % biss fil-PIR.

*Tabella 7*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni (*) | 23 % | 24 % | 19 % | 20 % |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *104* | *80* | *87* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.5. *Tkabbir*

(39) Bejn l-2008 u l-PIR, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied b'26 %, il-volum ta' bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied biss b'disgħa fil-mija (9 %), u s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas bi tliet (3) punti perċentwali. Għaldaqstant, qed jiġi konkluż li l-produtturi tal-Unjoni bilkemm setgħu jibbenefikaw mit-tkabbir tas-suq.

4.6. *Impjiegi*

(40) Wara l-ewwel tnaqqis sinifikanti ta' disgħa fil-mija (9 %) fl-impjiegi bejn l-2008 u l-2009, il-livell tal-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni kompla jonqos. Minn 74 impjegat fl-2008, baqa' biss 59 impjegat fil-PIR, li jfisser tnaqqis globali ta' 19 %.

*Tabella 8*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-prodott tal-impjiegi kkonċernat (persuni) (*) | 74 | 67 | 62 | 59 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *91* | *84* | *81* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.7. *Produttività*

(41) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala prodott għal kull persuna impjegata kull sena, żdiedet b'disgħa fil-mija (9 %) bejn l-2008 u l-PIR. Dan huwa riflessjoni tal-fatt li l-impjiegi naqsu b'ritmu aktar mgħaġġel mill-produzzjoni.

*Tabella 9*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Produttività (f'piedi kwadri għal kull impjegat) (*) | 104 031 | 107 536 | 114 512 | 113 655 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *103* | *110* | *109* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.8. *Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi*

(42) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni baqgħu stabbli bejn l-2008 u l-PIR. Kif imsemmi hawn fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu waqqgħu b'mod sinifikanti bl-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu l-oġġett ta' dumping. Madankollu, il-livell tal-prezzijiet miżmum kien għad-detriment tas-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni.

*Tabella 10*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Prezz ta'unità fis-suq tal-Unjoni (f'EUR/pied kwadru) (*) | 1,01 | 0,97 | 1,01 | 1,01 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *96* | *100* | *100* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.9. *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

(43) Minħabba l-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-marġni attwali tad-dumping ma jistax jitqies li hu negliġibbli.

4.10. *Irkupru mill-effetti tad-dumping fl-imgħoddi*

(44) L-indikaturi eżaminati hawn fuq juru li, minkejja l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fl-2006, il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni baqgħet sostanzjalment fraġli u ta' ħsara. Għalhekk, ma seta' jiġi stabbilit ebda rkupru attwali mid-dumping tal-imgħoddi u huwa meqjus li l-industrija tal-Unjoni tibqa' vulnerabbli għall-effett ta' ħsara ta' kwalunkwe importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.

(b) Indikaturi mikroekonomiċi

4.11. *Ħażniet*

(45) Il-livell ta' ħażniet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti b'31 % bejn l-2008 u l-PIR. Aktar analiżi ppermettiet li jsir l-irfinar tal-valutazzjoni tal-evoluzzjoni tan-numru ta' xhur ta' produzzjoni li jkunu qegħdin jinħażnu. F'dan ir-rigward, fl-2008 il-produtturi fil-kampjun żammu madwar ħames xhur ta' produzzjoni (43 %) iżda l-pressjoni tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ġegħlithom li jżidu l-ħażniet għal aktar minn seba' xhur ta' produzzjoni (li jikkorrispondu għal 63 % tal-produzzjoni totali fis-sena) matul il-PIR. Għalhekk il-konklużjoni li t-tendenza tal-ħażniet turi qagħda ta' ħsara hija kkonfermata.

*Tabella 11*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Stokk tal-għeluq (f'piedi kwadri) (*) | Id-dejta kunfidenzjali tan-negozju | | | |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *116* | *135* | *131* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.12. *Pagi*

(46) Il-paga medja għal kull impjegat kienet stabbli bejn l-2008 u l-2009, kif ukoll bejn l-2010 u l-PIR. Iż-żieda qawwija b'20 % bejn l-2009 u l-2010 hija dovuta għal żieda sinifikanti fl-ispiża tax-xogħol minn tnejn mill-kumpaniji fil-kampjun minkejja l-fatt li l-impjiegi tnaqqsu.

*Tabella 12*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-ispejjeż annwali tax-xogħol għal kull impjegat ('000 EUR) (*) | Id-dejta kunfidenzjali tan-negozju | | | |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *100* | *120* | *120* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.13. *Investimenti*

(47) L-investimenti annwali tal-kumpaniji fil-kampjun fil-produzzjoni tal-prodott simili kienu fil-biċċa l-kbira għall-manutenzjoni, u żdiedu b'21 % bejn l-2008 u l-PIR. Iż-żieda qawwija bejn l-2010 u l-PIR hija dovuta għax-xiri ta' xi tagħmir minn waħda mill-kumpaniji fil-kampjun fl-2011.

*Tabella 13*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Investimenti netti (f'EUR) (*) | Id-dejta kunfidenzjali tan-negozju | | | |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *102* | *72* | *121* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.14. *Profittabbiltà u redditu mill-investimenti*

(48) L-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Bejn l-2008 u l-PIR, it-telf (it-tnejn f'termini assoluti u espressi bħala perċentwal tal-fatturat) żdied aktar mid-doppju.

(49) Bl-istess mod, ir-redditu fuq l-investimenti ("ROI") kien negattiv tul il-perjodu kollu meqjus, u mar għall-agħar bi tnaqqis ta' 131 punt perċentwali bejn l-2008 u l-PIR.

*Tabella 14*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-Profitt Nett tal-bejgħ tal-UE lil klijenti mhux relatati (% ta' bejgħ nett) (*) | Id-dejta kunfidenzjali tan-negozju | | | |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *– 100* | *– 95* | *– 73* | *– 203* |
| ROI (profitt nett f'% tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti) (*) | Id-dejta kunfidenzjali tan-negozju | | | |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *– 100* | *– 95* | *– 73* | *– 231* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

4.15. *Il-fluss tal-flus u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital*

(50) Il-fluss tal-flus nett mill-attivitajiet operattivi baqa' negattiv tul il-perjodu kollu meqjus, u mar għall-agħar bi kważi – 300 punti perċentwali bejn l-2008 u l-PIR.

*Tabella 15*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Fluss tal-flus (f'EUR) (*) | Id-dejta kunfidenzjali tan-negozju | | | |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *– 100* | *– 115* | *– 77* | *– 398* |

(*) Dejta mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

(51) Ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni ltaqgħet ma' diffikultajiet biex jiżdied il-kapital.

(c) Impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u fatturi oħra

4.16. *L-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping*

(52) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu b'mod sinifikanti u għadhom pjuttost limitati, u jikkorrispondu għal sehem mis-suq ta' madwar erba' fil-mija (4 %) matul il-PIR. It-tqabbil tal-prezzijiet bejn dawn l-importazzjonijiet u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni madankollu juri twaqqigħ ta' prezz sinnifikanti (51,6 %). Minħabba li l-ġilda tal-kamoxxa hija prodott standardizzat, li l-ambitu tal-prodott huwa limitat ħafna u li l-merkanzija Ċiniża hi f'termini ta' kwalità simili għal dik Ewropea, is-sehem mis-suq relattivament żgħir tal-importazzjonijiet Ċiniżi flimkien ma' punti sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz jindika l-impatt sinifikanti li għandhom dawn l-importazzjonijiet fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni.

4.17. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra*

(53) Hemm importazzjonijiet sinifikanti mill-Indja, mit-Turkija u minn New Zealand kif ukoll xi importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, li flimkien jammontaw għal sehem tas-suq ta' 46 % fil-PIR (tnaqqis minn 60 % fl-2008).

(54) Fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Indja, huwa nnutat li l-volumi tagħhom huma sinifikanti u li żiedu s-sehem mis-suq tagħhom minn 11 % fl-2008 għal 16 % fil-PIR. Fl-istess ħin, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Indja huma kemmxejn taħt il-prezzijiet medji tal-produtturi tal-Unjoni. Minħabba l-volumi sinifikanti u d-differenzali fil-prezz huwa kkunsidrat li l-importazzjonijiet Indjani qed jikkontribwixxu sa ċertu punt għall-qagħda ekonomika negattiva tal-industrija tal-Unjoni. Fl-istess ħin, ta' min jinnota li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Indja huma aktar minn 60 % ogħla mill-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping. Konsegwentement, qed jitqies li dan impatt limitat fuq il-qagħda attwali tal-industrija tal-Unjoni bil-probabbiltà kollha ma jiksirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet l-huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara fil-każ taż-żieda probabbli tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping u aktar deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni li tirriżulta minnhom jekk il-miżuri jiġu revokati.

*Tabella 16*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mill-Indja (f'elf pied kwadru) (*) | 2 330,00 | 2 123,33 | 4 276,67 | 4 436,67 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja (*) | 11 % | 10 % | 15 % | 16 % |
| *Prezz medju tal-importazzjonijiet mill-Indja (f'EUR/għal kull pied kwadru)* | 0,79 | 0,82 | 0,66 | 0,75 |

(*) Dejta minn Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

(55) Hemm ukoll importazzjonijiet sinifikanti mit-Turkija, li jammontaw għal sehem mis-suq ta' 10 % fil-PIR (tnaqqis minn 18 % fl-2008). Fl-istess ħin il-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet huma ħafna ogħla mill-ġilda tal-kamoxxa mir-RPĊ u huma qrib ħafna lejn il-livell tal-prezzijiet fl-industrija tal-Unjoni. Minħabba x-xejra li qed tonqos tal-importazzjonijiet mit-Turkija u l-prezzijiet relattivament għolja tagħhom, qed jitqies li dawn ma jiksrux ir-relazzjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u l-ħsara fil-każ ta' żieda probabbli fl-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping u aktar deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minnhom jekk il-miżuri jiġu revokati.

*Tabella 17*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mit-Turkija (f'elf pied kwadru) (*) | 4 063,33 | 2 623,33 | 2 933,33 | 2 700,00 |
| Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Turkija (*) | 18 % | 12 % | 10 % | 10 % |
| *Prezz medju tal-importazzjonijiet mit-Turkija (f'EUR/għal kull pied kwadru)* | 0,77 | 0,89 | 1,05 | 1,20 |

(*) Dejta minn Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

(56) Hemm ukoll importazzjonijiet sinifikanti minn New Zealand, li jammontaw għal sehem mis-suq ta' 7 % fil-PIR u li żdiedu minn 3 % fl-2008. Madankollu, il-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet huma ħafna ogħla mill-prezzijiet tal-ġilda tal-kamoxxa mir-RPĊ u saħansitra anki ogħla mil-livell tal-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Minħabba l-prezzijiet relattivament għoljin tal-importazzjonijiet minn New Zealand, qed jitqies li huma, wkoll, ma jiksrux ir-relazzjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara fil-każ taż-żieda probabbli tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta'dumping u aktar deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minnhom jekk il-miżuri jiġu revokati.

*Tabella 18*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet minn New Zealand (f'elf pied kwadru) (*) | 716,67 | 2 426,67 | 1 966,67 | 1 883,33 |
| Sehem mis-suq tal-importazzjoni minnNew Zealand (*) | 3 % | 11 % | 7 % | 7 % |
| *Prezz medju tal-importazzjonijiet minn New Zealand (f'EUR pied kwadru)* | 1,29 | 1,43 | 1,43 | 1,48 |

(*) Dejta minn Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

(57) L-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja jammontaw għal sehem mis-suq ta' 13 % fil-PIR (tnaqqis minn 27 % fl-2008). Fl-istess ħin il-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet huma ħafna ogħla mill-prezzijiet tal-ġilda tal-kamoxxa mir-RPĊ u qrib ħafna lejn il-livell tal-prezzijiet fl-industrija tal-Unjoni. Minħabba x-xejra li qed tonqos tal-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja u l-prezzijiet relattivament għolja tagħhom meta mqabbla mal-importazzjonijiet tal-ġilda tal-kamoxxa mir-RPĊ, qed jitqies li huma, wkoll, ma jiksrux ir-relazzjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara fil-każ ta' żieda probabbli tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping u aktar deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minnhom jekk il-miżuri jiġu revokati.

*Tabella 19*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja (f'elf pied kwadru) (*) | 5 896,67 | 4 013,33 | 4 480,00 | 3 556,67 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja (*) | 27 % | 18 % | 16 % | 13 % |
| *Prezz medju tal-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja (EUR/pied kwadru)* | 0,63 | 0,84 | 0,81 | 0,84 |

(*) Dejta minn Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

(58) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha flimkien jammontaw għal sehem mis-suq ta' 46 % fil-PIR (tnaqqis minn 60 % fl-2008). Fl-istess ħin il-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet huma ħafna ogħla mill-ġilda tal-kamoxxa mir-RPĊ u huma qrib ħafna lejn il-livell tal-prezzijiet fl-industrija tal-Unjoni. Minħabba x-xejra li qed tonqos tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u l-prezzijiet relattivament għolja tagħhom, qed jitqies li dawn, meta jittieħdu kollha f'salt, ma jiksrux ir-relazzjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u l-ħsara fil-każ ta' żieda probabbli fl-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping u aktar deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minnhom jekk il-miżuri jiġu revokati.

*Tabella 20*

| | 2008 | 2009 | 2010 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (f'elf pied kwadru) (*) | 13 006,67 | 11 186,67 | 13 656,67 | 12 576,67 |
| *Indiċi (2008 = 100)* | *100* | *86* | *105* | *97* |
| Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (*) | 60 % | 51 % | 49 % | 46 % |
| *Prezz medju ta' importazzjonijiet mill-Indja (f'EUR/pied kwadru)* | 0,74 | 0,98 | 0,91 | 0,98 |

(*) Dejta minn Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

### 5. **Konklużjoni dwar il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni**

(59) Baqa' biss tliet produtturi (kollha kemm huma SMEs) fl-Unjoni. Il-produtturi l-oħrajn kollha tal-ġilda tal-kamoxxa huma rrappurtati li għalqu s-siti tal-manifattura tagħhom mill-2006 'l hawn meta l-miżuri oriġinali ġew introdotti. Dan jista' jidher li jirriżulta miż-żieda fil-pressjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping qed jeżerċitaw fuq is-suq tal-Unjoni, anki f'sitwazzjoni ta' konsum li qed jiżdied.

(60) L-analiżi tal-ħsara turi li l-qagħda tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat. B 'mod partikolari, il-produzzjoni naqset b'madwar 12 % u anki jekk il-bejgħ żdied bi ftit, dik iż-żieda kienet inqas miż-żieda fil-konsum, u konsegwentement is-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas bi tliet (3) punti perċentwali.

(61) Fl-istess ħin l-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi turi li l-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investiment u l-fluss tal-flus fl-industrija tal-Unjoni baqgħu negattivi tul il-perjodu meqjus u komplew jiddeterjoraw lejn il-PIR.

(62) L-importazzjonijiet mill-Indja, mit-Turkija, minn New Zealand u mill-bqija tad-dinja ġew analizzati. Rigward kull wieħed mill-flussi ta' dawn l-importazzjonijiet, kif ukoll meta meħuda kollha flimkien, qed jitqies li dawn ma jiksrux ir-relazzjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u l-ħsara fil-każ ta' żieda probabbli fl-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping u aktar deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minnhom fil-każ li l-miżuri jiġu revokati.

(63) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, qed jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni kompliet issofri ħsara materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku u li l-qagħda tagħha hija fraġli u vulnerabbli ħafna u 'l bogħod mill-kondizzjoni li tista' tkun mistennija li kieku din laħqet irkuprat mill-ħsara li nstabet fl-investigazzjoni oriġinali.

(64) Qed jiġi konkluż ukoll li l-qagħda ta' ħsara fl-industrija tal-Unjoni kienet fil-biċċa l-kbira kkawżata mill-eżistenza kontinwa (anki jekk f'inqas kwantitajiet) ta' importazzjonijiet bi prezz baxx u li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

## E. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAL-ĦSARA

### 1. L-impatt tal-volum tal-importazzjonijiet u l-effetti fuq il-prezzijiet ipproġettati fil-każ ta' revoka tal-miżuri

(65) Għalkemm il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni tal-miżuri fl-2006, huwa kkunsidrat li għad hemm kapaċitajiet sinifikanti ta' produzzjoni fir-RPĊ (ara l-premessa 22). Dawn il-kapaċitajiet żejda jistgħu faċilment jiġu ttrasferiti lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jiġu revokati.

(66) Qed jitqies li jekk il-miżuri jiġu revokati, wisq probabbli l-produtturi esportaturi Ċiniżi jagħmlu sforz biex jerġgħu jirbħu kwalunkwe telf tas-sehem tagħhom fis-suq fl-Unjoni. Tabilħaqq, it-twaqqigħ tal-prezz sinifikanti stabbilit mill-investigazzjoni juri li l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni jagħmilha suq interessanti ħafna għall-importazzjonijiet Ċiniżi (ara l-premessa 22).

### 2. Konklużjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' ħsara

(67) Fuq din il-bażi, qed jiġi konkluż li r-revoka tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ x'aktarx li tirriżulta fil-kontinwazzjoni ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

## F. L-INTERESS TAL-UNJONI

### 1. Introduzzjoni

(68) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet imsejsa fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, fuq naħa, u dawk tal-importaturi u tal-utenti, fuq in-naħa l-oħra.

(69) Għandu jiġi mfakkar ukoll li, fl-investigazzjoni oriġinali, tqies li l-adozzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li b'hekk tanalizza qagħda li fiha l-miżuri anti-dumping diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet konċernati mill-miżuri anti-dumping attwali.

(70) Fuq din il-bażi ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping li jagħmel il-ħsara, jistax jiġi konkluż b'mod ċar li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

### 2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(71) L-industrija tal-Unjoni, magħmula minn SMEs, tilfet b'mod konsistenti s-sehem mis-suq u ġarrbet ħsara materjali matul il-perjodu meqjus. Jekk il-miżuri jitħassru, l-industrija tal-Unjoni wisq probabbli tkun f'qagħda saħansitra agħar.

### 3. L-interess tal-importaturi

(72) Hemm żewġ importaturi mhux relatati li kkooperaw fl-investigazzjoni. In-negozju relatat mal-ġilda tal-kamoxxa jikkostitwixxi biss parti limitata mid-dħul rispettiv tagħhom. Ma hemmx indikazzjonijiet li kontinwazzjoni tal-miżuri jkollha effett negattiv sinifikanti fuq l-attivitajiet tagħhom.

### 4. L-interess tal-utenti u tal-konsumaturi

(73) L-ebda utent jew assoċjazzjoni tal-konsumaturi ma ppreżentaw lilhom infushom fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' bidu, kif kien ukoll il-każ fl-investigazzjoni oriġinali. Minħabba li fl-investigazzjoni oriġinali tqies li l-miżuri inkwistjoni ma jkunux jaffettwaw bla bżonn l-interess ta' dawn il-partijiet u meta jitqies in-nuqqas ta' kooperazzjoni kontinwa tagħhom, jista' jiġi konkluż li l-interess tagħhom ma għandux ikun affettwat miż-żamma tal-miżuri. Tabilħaqq, l-eżistenza ta' importazzjonijiet sinifikanti minn sorsi oħra u bi prezzijiet kompetittivi se tiżgura li l-utenti u l-konsumaturi jkomplu jkollhom għażla wiesgħa ta' fornituri differenti tal-prodott inkwistjoni u bi prezzijiet raġonevoli.

### 5. Konklużjoni

(74) Wara li ġew ikkunsidrati l-fatturi kollha deskritti hawn fuq, ġie konkluż li ma hemmx raġunijiet sodi biżżejjed kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping attwali.

## G. MIŻURI ANTI-DUMPING

(75) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Dawn ingħataw ukoll perjodu biex jibagħtu l-kummenti tagħhom wara dak l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn dan kien meħtieġ.

(76) Jirriżulta minn dak li ntqal hawn fuq li, kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jinżammu. Ta' min ifakkar li dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazju *ad valorem* fuq il-livell ta' 58,9 %,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan huwa impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġilda tal-kamoxxa u ġilda mħallta tal-kamoxxa, kemm jekk maqtugħa skont il-qies kif ukoll jekk le, inklużi ġilda iebsa tal-kamoxxa u ġilda iebsa mħallta tal-kamoxxa li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4114 10 10 u 4114 10 90 u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju ta' anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 58,9 %.

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. SYLIKIOTIS

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1154/2012

## tal-5 ta' Diċembru 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 55,3 |
| | MA | 55,8 |
| | TN | 76,3 |
| | TR | 72,4 |
| | ZZ | 65,0 |
| 0707 00 05 | AL | 74,8 |
| | JO | 174,9 |
| | MA | 133,1 |
| | TR | 146,9 |
| | ZZ | 132,4 |
| 0709 93 10 | MA | 129,9 |
| | TR | 100,5 |
| | ZZ | 115,2 |
| 0805 10 20 | AR | 49,7 |
| | TR | 74,4 |
| | ZA | 63,7 |
| | ZW | 52,1 |
| | ZZ | 60,0 |
| 0805 20 10 | MA | 69,0 |
| | ZZ | 69,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 71,1 |
| | HR | 85,6 |
| | MA | 95,7 |
| | TR | 78,9 |
| | ZZ | 82,8 |
| 0805 50 10 | TR | 76,3 |
| | ZZ | 76,3 |
| 0808 10 80 | MK | 39,0 |
| | US | 174,2 |
| | ZA | 136,9 |
| | ZZ | 116,7 |
| 0808 30 90 | CN | 53,2 |
| | TR | 112,1 |
| | US | 160,6 |
| | ZZ | 108,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EULEX KOSOVO/3/2012

**tal-4 ta' Diċembru 2012**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO**

(2012/751/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK li stabbilixxiet il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO.

(2) Fil-5 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/291/PESK ([2]) li temenda l-Azzjoni Konġunta 2009/124/PESK u li testendi t-tul ta' żmien ta' EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2014.

(3) Skont l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EULEX KOSOVO, inklużi deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni.

(4) Fl-20 ta' Novembru 2012, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tal-Ambaxxatur Bernd BORCHARDT bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EULEX KOSOVO mill-1 ta' Frar 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Ambaxxatur Bernd BORCHARDT huwa b'dan maħtur bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO, b'effett mill-1 ta' Frar 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-14 ta' Ġunju 2014.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

O. SKOOG

([1]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.
([2]) ĠU L 146, 6.6.2012, p. 46.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-4 ta' Diċembru 2012

## li tawtorizza laboratorju f'Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex jitwettqu testijiet seroloġiċi biex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8757)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/752/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE taħtar lill-*Agence française de sécurité sanitaire des aliments* (AFSSA) f'Nancy, Franza (integrata mill-1 ta' Lulju 2010 fl-*Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail*, ANSES), bħala l-istitut speċifiku responsabbli biex jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi biex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija.

(2) Dik id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll li l-ANSES tiddokumenta l-evalwazzjoni tal-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw biex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija.

(3) L-awtorità kompetenti ta' Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju għall-idrofobija tal-Istitut Veterinarju f'dan il-pajjiż terz biex iwettaq dawn it-testijiet seroloġiċi. Dik l-applikazzjoni hija sostnuta minn rapport favorevoli mill-ANSES, datat it-3 ta' Settembru 2012, dwar l-evalwazzjoni ta' dak il-laboratorju.

(4) Għaldaqstant, dak il-laboratorju għandu jkun awtorizzat biex iwettaq testijiet seroloġiċi biex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-laboratorju li ġej hu awtorizzat li jwettaq testijiet seroloġiċi biex tkun segwita l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa, kif stipulat fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE:

Il-Laboratorju għall-Idrofobija tal-IstitutVeterinarju
Il-Fakultà tal-Mediċina Veterinarja
Lazar Pop-Trajkov 5-7
1000 Skopje
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Tonio BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-4 ta’ Diċembru 2012**

**li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar programmi ta’ sorveljanza għall-Finlandja u r-Renju Unit u l-istatus ta’ ħelsien mill-mard fil-Finlandja u r-Renju Unit għal ċertu mard ta’ annimali akkwatiċi**

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8758)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/753/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta’ Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard f’annimali akkwatiċi ([1]), u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1) u l-Artikolu 49(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta’ Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta’ sorveljanza u qerda u status ta’ ħelsien minn mard ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti ([2]) tistabbilixxi lista ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta’ sorveljanza approvati, fir-rigward ta’ wieħed jew aktar mill-mard mhux eżotiku mniżżel fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE (“mard mhux eżotiku”). Dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi wkoll lista ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard fir-rigward ta’ wieħed jew aktar minn dan il-mard.

(2) Il-Parti B tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE tistabbilixxi lista ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta’ qerda approvati u Parti C ta’ dak l-Anness tistabbilixxi l-lista ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard fir-rigward ta’ wieħed jew aktar mill-mard mhux eżotiku.

(3) Il-Finlandja ssottomettiet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni rigward il-muniċipalitajiet ta’ Uusikaupunki, Pyhäranta u Rauma li huma ħielsa mis-settiċemija emorraġika virali (VHS).

(4) Ir-Renju Unit ssottometta dokumentazzjoni lil-Kummissjoni rigward il-Gżejjer Shetland tal-Lbiċ li huma ħielsa mill-anemija infettiva tas-salamun (ISA).

(5) Il-Parti B u C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Partijiet B u C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE huma emendati skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta’ Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

([2]) ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15.

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti B tiġi mibdula b'li ġej:

"**PARTI B**

**Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' qerda approvati**

| Marda | Stat Membru | Kodiċi ISO | Dimarkazzjoni ġeografika taż-żona taħt programm ta' qerda (Stati Membri, żoni jew kompartimenti) |
|---|---|---|---|
| Settiċemija emorraġika virali (VHS) | Id-Danimarka | DK | Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma li ġejjin: Tim Å, Hover Å, Heager Å, Velling Å, Skjern Å, Hemmet Mølle Bæk, Lydum Å, Kongeå, Kolding Å, Vejle Å u Holmsland Klit. |
| | Il-Finlandja | FI | Il-Provinċja ta' Åland |
| Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN) | | | |
| Il-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV) | Il-Ġermanja | DE | Is-Sassonja" |
| L-infezzjoni mill-*Marteilia refringens* | | | |
| L-infezzjoni mill-*Bonamia ostreae* | | | |
| Il-marda tal-white spot | | | |

(2) Il-Parti C hija emendata kif ġej:

(a) L-entrata għall-Finlandja dwar settiċemija emorraġika virali (VHS) hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "Il-Finlandja | FI | Iż-żoni kontinentali u kostali kollha ġewwa t-territorju tagħha, ħlief il-Provinċja ta' Åland" |

(b) Fir-ringiela għar-Renju Unit rigward l-anemija infettiva tas-salamun (ISA), il-kliem "minbarra l-Gżejjer Shetland tal-Lbiċ" huma mħassra.

# DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tad-29 ta' Novembru 2012

## dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2013

## *(BĊE/2012/26)*

(2012/754/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2013, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI::

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2013**

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2013 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

*(miljuni f'EUR)*

| | Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kolletturi (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2013 |
|---|---|
| Il-Belġju | 149,9 |
| Il-Ġermanja | 758,0 |
| L-Estonja | 10,1 |
| L-Irlanda | 48,4 |
| Il-Greċja | 8,9 |
| Spanja | 230,0 |
| Franza | 300,0 |
| L-Italja | 101,5 |
| Ċipru | 7,1 |
| Il-Lussemburgu | 40,0 |
| Malta | 8,1 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 63,8 |
| L-Awstrija | 253,0 |
| Il-Portugall | 17,2 |
| Is-Slovenja | 15,0 |
| Is-Slovakkja | 21,4 |
| Il-Finlandja | 60,0 |

*Artikolu 2*

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Novembru 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

## RETTIFIKA

**Rettifika għad-Deċiżjoni 2011/181/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 79 tal-25 ta' Marzu 2011)*

Il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/181/UE għandha tkun ikkunsidrata nulla u bla effett.

**Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 327 tas-27 ta' Novembru 2012)*

F'paġna 56, it-titolu:

*minflok:* "**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha**

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8459)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**"

*aqra:* "**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha**

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8459)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/729/UE)"

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT